REGOLAMENT TAL-KUMMISSJONI (KE) Nru 1249/2008

ta' l-10 ta' Diċembru 2008

li jistabbilixxi regoli dettaljati dwar l-implimentazzjoni tal-iskali tal-Komunità għall-klassifikazzjoni ta' karkassi taċ-ċanga, tal-majjal, u tal-laħam tan-nagħaġ u r-rapportar tal-prezzijiet tagħhom

Il-KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ,

Wara li kkunsidrat it-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1234/2007 tat-22 ta' Ottubru 2007 li jistabbilixxi organizzazzjoni komuni ta' swieq agrikoli u dwar dispożizzjonijiet speċifiċi għal ċerti prodotti agrikoli (Ir-Regolament Waħdieni dwar l-OKS) [1], u partikolarment l-Artikolu 43, il-punt (m), flimkien mal-Artikolu 4 tiegħu,

Billi:

(1) F'konformità mal-punt (h) tal-Artikolu 204(2) tar-Regolament (KE) Nru 1234/2007, dak ir-Regolament għandu japplika f'dak li jirrigwarda l-iskali Komunitarji tal-klassifikazzjoni tal-karkassa mill-1 ta' Jannar 2009. Regoli dettaljati għall-implimentazzjoni ta' dawk l-iskali Komunitarji u r-rapportar tal-prezzijiet ibbażati fuqhom mill-Istati Membri għandhom għalhekk jiġu adottati u applikati mill-1 ta' Jannar 2009.

(2) Regoli dwar l-implimentazzjoni ta' skali Komunitarji għall-klassifikazzjoni tal-karkassi, sa issa, qegħdin stipulati f'ħafna atti, u b'mod partikolari fir-Regolamenti tal-Kummissjoni (KEE) Nru 563/82 tal-10 ta' Marzu 1982 li jistipula regoli dettaljati għall-applikazzjoni tar-Regolament (KEE) Nru 1208/81 li jistabbilixxi l-prezzijiet tas-suq ta' annimali bovini adulti fuq il-bażi tal-iskala Komunitarja għall-klassifikazzjoni tal-karkassi [2], (KEE) Nru 2967/85 tal-24 ta' Ottubru 1985 li jistabbilixxi regoli dettaljati għall-applikazzjoni tal-iskala Komunitarja għall-gradazzjoni tal-karkassi tal-majjal [3], (KEE) Nru 344/91 tat-13 ta' Frar 1991 li jistabbilixxi regoli ddettaljati sabiex jiġi applikat ir-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 1186/90 biex jiġi estiż l-iskop tal-iskala Komunitarja għall-klassifika tal-karkassi tal-annimali tal-fart adulti [4], (KE) Nru 295/96 tas-16 ta' Frar 1996 li jistipula regoli dettaljati għall-applikazzjoni tar-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 1982/87 fir-rigward tar-reġistrazzjoni ta' prezzijiet tas-suq ta' annimali bovini adulti, fuq bażi tal-iskala Komunitarja għall-klassifikazzjoni tal-karkassi ta' annimali bovini adulti, fuq il-bażi tal-iskala Komunitarja għall-klassifikazzjoni tal-karkassi [5], (KE) Nru 103/2006 tal-20 ta' Jannar 2006 li jadotta dispożizzjonijiet addizzjonali għall-applikazzjoni tal-iskala Komunitarja għall-klassifika ta' karkassi ta' annimali adulti bovini [6], (KE) Nru 908/2006 tal-20 ta' Ġunju 2006 li jistabbilixxi l-lista ta' swieq rappreżentattivi għall-laħam tal-majjal fil-Komunità [7], (KE) Nru 1128/2006 tal-24 ta' Lulju 2006 dwar l-istadju tal-kummerċjalizzazzjoni li għalih jirreferi l-prezz medju tal-karkassi tal-majjal (Verżjoni kkodifikata) [8], (KE) Nru 1319/2006 tal-5 ta' Settembru 2006 dwar l-iskambju ta' ċertu tagħrif li għandu x'jaqsam mal-laħam tal-majjal bejn l-Istati Membri u l-Kummissjoni (Verżjoni kkodifikata) [9], (KE) Nru 710/2008 tal-24 ta' Lulju 2008 li jiffissa l-koeffiċjenti li għandhom jintużaw fil-kalkolu tal-prezz tas-suq Komunitarju tal-karkassi tal-majjal għas-sena tas-suq 2008/2009 [10], (KE) Nru 22/2008 tal-11 ta' Jannar 2008 li jistipula regoli dettaljati għall-iskala Komunitarja għall-klassifikazzjoni ta' karkassi ta' annimali ovini [11] (Verżjoni kodifikata), u fid-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 83/471/KEE tas-7 ta' Settembru 1983 dwar il-Kumitat ta' Spezzjoni tal-Komunità dwar l-applikazzjoni tal-iskala ta' klassifikazzjoni għall-karkassi ta' annimali adulti bovini [12]. Fl-interess taċ-ċarezza u tar-razzjonalità, dawk ir-Regolamenti u d-Deċiżjoni għandhom jiġu sostitwiti b'att wieħed.

(3) L-Artikolu 42(1) tar-Regolament (KE) Nru 1234/2007 jipprovdi li skali Komunitarji għall-klassifikazzjoni ta' karkassi ta' bovini adulti u tal-majjal għandhom japplikaw f'konformità ma' ċerti regoli stipulati fl-Anness V għal dak ir-Regolament, filwaqt li Stati Membri jistgħu ukoll japplikaw skala Kommunitarja għall-klassifikazzjoni ta' karkassi tan-nagħaġ.

(4) L-Artikolu 42(1), il-punt (a) tar-Regolament (KE) Nru 1234/2007 jipprovdi li l-iskala Komunitarja għall-klassifikazzjoni ta' karkassi fis-settur taċ-ċanga u tal-vitella għandu japplika għall-karkassi ta' annimali bovini adulti. Il-punt IV(2) tal-Anness III għal dak ir-Regolament jiddefinixxi annimal bovin adult b'relazzjoni mal-piż tal-annimal ħaj. Minkejja dik id-definizzjoni u sabiex tkun żgurata applikazzjoni uniformi, huwa xieraq li l-Istati Membri jithallew japplikaw l-iskala Komunitarja b'mod obbligatorju għall-karkassi ta' bovini ta' età speċifika ddeterminata abbażi tas-sistema ta' identifikazzjoni u reġistrazzjoni provduta mir-Regolament (KE) Nru 1760/2000 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-17 ta' Lulju 2000 li jistabbilixxi sistema ta' identifikazzjoni u reġistrazzjoni ta' annimali bovini u li jirrigwarda l-ittikettar taċ-ċanga jew prodotti taċ-ċanga [13]. Dik is-sistema ta' identifikazzjoni u reġistrazzjoni għandha tkun użata wkoll għal qsim ta' karkassi f'kategorija A u B kif imsemmi fil-punt A(II) tal-Anness V għar-Regolament (KE) Nru 1234/2007.

[1] ĠU L 299, 16.11.2007, p. 1.
[2] ĠU L 67, 11.3.1982, p. 23.
[3] ĠU L 285, 25.10.1985, p. 39.
[4] ĠU L 41, 14.2.1991, p. 15.
[5] ĠU L 39, 17.2.1996, p. 1.
[6] ĠU L 17, 21.1.2006, p. 6.
[7] ĠU L 168, 21.6.2006, p. 11.
[8] ĠU L 201, 25.7.2006, p. 6.
[9] ĠU L 243, 6.9.2006, p. 3.
[10] ĠU L 197, 25.7.2008, p. 28.
[11] ĠU L 9, 12.1.2008, p. 6.
[12] ĠU L 259, 20.9.1983, p. 30.
[13] ĠU L 204, 11.8.2000, p. 1.

(5) Sabiex tkun żgurata klassifikazzjoni korretta tal-karkassi ta' bovini adulti u ta' nagħaġ fil-komunità, huwa meħtieġ li d-definizzjonijiet isiru iktar preċiżi fil-klassi ta' konformazzjoini u kisja ta' xaħam msemmija fil-punti A(III) u C(III) tal-Anness V għar-Regolament (KE) Nru 1234/2007.

(6) Il-punt A(III) tal-Anness (V) għar-Regolament (KE) Nru 1234/2007 jipprovdi għal klassi ta' konformazzjoni S għal karkassi miksuba minn bovini tat-tip ta' muskolatura doppja. Ladarba din il-klassi ta' konformazzjoni partikolari tirrifletti l-karatteristiċi partikolari tal-annimali bovini f'xi Stati Membri, huwa xieraq li jkun provdut li Stati Membri ikollhom għażla biex jużaw il-klassi ta' konformazzjoni S.

(7) F'konformità mat-tieni inċiż tal-Arikolu 43, il-punt (m)(iii), tar-Regolament (KE) Nru 1234/2007, derogi mill-obbligi ġenerali biex karkassi ta' adulti bovini jiġu kklassifikati jistgħu jingħataw lil Stati Membri li jitolbu li jsir hekk għal ċerti stabbilimenti żgħar. Fuq bażi ta' l-esperjenza miksuba bl-applikazzjoni tal-iskala ta' klassifikazzjoni Komunitarja, l-Istati Membri jikkunsidraw li huwa xieraq li jkollhom it-tali deroga għal biċċeriji li joqtlu mhux iktar minn 75 annimal bovin adult fil-ġimgħa bħala medja annwali. Il-Kommissjoni tqis dik id-deroga bħala ġġustifikata, meta tikkunsidra l-volum limitat tal-produzzjoni f'dawk il-biċċeriji. Għall-istess raġunijiet, l-ewwel inċiż tal-Artikolu 2(2) tar-Regolament (KEE) Nru 344/91 ukoll jipprovdi għat-tali deroga. Għalhekk biex tiġi ssimplifikata l-applikazzjoni tat-tieni inċiż tal-Arikolu 43, il-punt (m)(iii), tar-Regolament (KE) Nru 1234/2007, ikun xieraq li l-Istati Membri jkunu awtorizzati li jagħtu din id-deroga huma stess.

(8) L-Artikolu 43, il-punt (m)(iv), tar-Regolament (KE) Nru 1234/2007 jipprovdi li l-Istati Membri għandhom jiġu awtorizzati biex ma japplikawx l-iskala ta' gradazzjoni għall-klassifikazzjoni tal-karkassi tal-majjal. Dik id-dispożizzjoni għandha tapplika b'mod partikolari għal biċċeriji żgħar, li ma joqtlux iktar minn medja ta' 200 majjal fil-ġimgħa.

(9) Biex tkun żgurata applikazzjoni preċiża tal-iskali ta' klassifikazzjoni Komunitarji, il-kundizzjonijiet u l-metodi prattiċi tal-klassifikazzjoni, l-użin u l-identifikazzjoni tal-karkassi tal-bovini adulti, majjali u nagħaġ għandhom ikunu speċifikati, bil-ħsieb li titjieb it-trasparenza fis-suq.

(10) Madankollu, għandha ssir dispożizzjoni għal ċerti derogi tagħhom, b'mod partikolari f'dak li għandu x'jaqsam mallimitu ta' żmien għal klassifikazzjoni u l-użin tal-karkassi f'każ ta' ħsara fit-tekniki ta' gradazzjoni awtomatizzati, il-lokazzjoni tat-timbri jew tikketti li jindikaw il-klassifikazzjoni tal-karkassi u tal-biċċeriji li jiddiżossaw il-karkassi kollha huma stess. Fir-rigward tal-karkassi tal-majjal, l-użin għandu jirrelata mal-użin tal-karkass kiesaħ, li jiġi kkalkolat billi wieħed japplika koeffiċjent ta' konverżjoni, li għandu jiġi stabbilit, fuq l-użin. Il-koeffiċjent għandu jvarja skont il-ħin bejn meta l-majjal jintiżen u meta jiddendel. Għalhekk, għandu jitħalla li jsir aġġustament tal-koeffiċjent.

(11) Il-persuni naturali jew legali li jikkummissjonaw il-qatla tal-bovini għandhom jiġu infurmati bir-riżultat tal-klassifikazzjoni tal-annimali li ttieħdu għall-qatla. Dik il-komunikazzjoni għandha wkoll tinkludi ċerta informazzjoni addizzjonali sabiex tkun żgurata trasparenza shiħa lill-fornituri.

(12) Biex tkun żgurata l-preċiżjoni u l-affidabbiltà tal-klassifikazzjoni tal-karkassi ta' bovini adulti u tan-nagħaġ, il-klassifikazzjoni għandha ssir minn persunal li għandu l-kwalifiki meħtieġa iċċertifikati b'liċenzja jew approvazzjoni.

(13) Bil-ħsieb li jiġu awtorizzati metodi alternativi għal valutazzjoni diretta u viżwali tal-konformazzjoni u tal-kisja tax-xaħam tal-karkassi ta' bovini adulti, jistgħu jiddaħħlu tekniki ta' gradazzjoni awtomatizzati meta jkunu bbażati fuq metodi pprovati statistikament. L-awtorizzazzjoni ta' tekniki ta' gradazzjoni awtomatizzati għandha tkun suġġetta għal konformità b'ċerti kundizzjonijiet u rekwiżiti kif ukoll b'tolleranza massima ta' żball statistiku fil-klassifikazzjoni li għandu jkun speċifikat.

(14) Għandha ssir dispożizzjoni għall-possibiltà li jkunu mmodifikati l-ispeċifikazzjonijiet tekniċi, wara li tingħata l-liċenzja, tat-tekniki ta' gradazzjoni awtomatizzati għall-klassifikazzjoni ta' karkassi ta' bovini adulti bil-ħsieb li tittejjeb il-preċiżjoni tagħhom. Madankollu, biex isiru dawn il-modifiki għandu jkun hemm approvazzjoni minn qabel mill-awtoritajiet kompetenti li tiżgura li dawn il-modifiki jirriżultaw f'għallinqas l-istess livell ta' preċiżjoni.

(15) Il-valur tal-karkassa tal-majjal huwa ddeterminat b'mod partikolari mill-kontenut tad-dgħif b'relazzjoni mal-piż tiegħu. Sabiex ikun żgurat li l-valutazzjoni tal-kontenut tad-dgħif issir fuq bażi oġġettiva, il-valutazzjoni għandha ssir billi jitkejlu ċerti partijiet anatomiċi tal-karkassa permezz ta' metodi awtorizzati u ppruvati statistikament. Filwaqt li jistgħu jintużaw diversi metodi għall-valutazzjoni tal-kontenut tad-dgħif, huwa meħtieġ li jkun żgurat li l-għażla tal-metodu ma taffetwax l-istima tal-kontenut tad-dgħif. Għad-determinazzjoni tal-valur kummerċjali tal-karkassa tal-majjal, l-użu tal-kriterji ta' valutazzjoni oħrajn minbarra l-piż u l-istima tal-kontenut tad-dgħif għandhom ukoll ikunu awtorizzati.

(16) Il-punt C(III) tal-Anness V għar-Regolament (KE) Nru 1234/2007 jipprovdi li l-karkassi tan-nagħaġ għandhom ikunu kklassifikati f'diversi klassijiet fuq il-bażi ta' konformazzjoni u l-grad tal-kisja tax-xaħam. Madankollu, kriterji oħrajn, b'mod partikolari, il-piż, il-kulur tal-laħam u l-kisja tax-xaħam jistgħu jintużaw fuq il-karkassi tal-ħrief li jiżnu inqas minn 13-il kilogramma.

(17) L-affidabbiltà tal-klassifikazzjoni tal-karkassi tal-bovini adulti, tal-majjali, u tan-nagħaġ għandha tkun ivverifikata b'kontrolli regolari fil-post li jsiru minn korpi li huma indipendenti mill-istabbilimenti li jispezzjonaw. Il-kundizzjonijiet u rekwiżiti minimi għal dawn il-kontrolli għandhom ikunu stipulati, u jinkludu r-rapporti fuq il-kontrolli li saru kif ukoll azzjonijiet li possibilment jittieħdu wara. Fil-każ li l-klassifikazzjoni tal-karkassi tal-bovini adulti ssir permezz tal-użu ta' tekniki ta' gradazzjoni awtomatizzati ċerti dispożizzjonijiet addizzjonali fuq kontrolli fil-post għandu jiġi stipulat, li għandhom ukoll jinkludu li l-frekwenza ta' dawk il-kontrolli għandha tiżdied fil-perjodu tal-bidu wara li l-liċenzja tkun inħarġet.

(18) Sabiex jinkisbu prezzijiet komparabbli ta' karkassa taċ-ċanga, tal-majjal u tan-nagħaġ fil-Komunità, huwa meħtieġ li jsir provvediment li ir-reġistrar tal-prezzijiet għandu jirreferi għal stadju ta' kummerċjalizzazzjoni definit sew. Barra minn hekk, il-preżentazzjoni tar-referenza tal-UE tal-karkassi ta' bovini adulti u tan-nagħaġ għandha tkun stabbilita. Ċerti fatturi korrettivi ukoll għandhom jkunu stabbiliti biex jaġġustaw il-preżentazzjonijiet użati minn xi Stati Membri għall-preżentazzjoni tar-referenza tal-UE.

(19) Sabiex ikun żgurat li l-prezzijiet tal-karkassi rreġistrati jkunu rappreżentattivi għas-settur tal-produzzjoni taċ-ċanga, majjal u nagħaġ tal-Istati Membri, huwa meħtieġ li jiġu ddefiniti kategoriji u klassijiet kif ukoll ċerti kriterji li jiddefinixxu liema huma l-istabbilimenti jew persuni li għalihom ir-rapportar tal-prezzijiet għandu jkun obbligatorju.

(20) Għal fini ta' rapportar tal-prezzijiet ta' karkassa taċ-ċanga, l-Istati Membri għandhom jitħallew jiddeċiedu jekk it-territorju tagħhom huwiex maqsum jew le, u jekk iva, f'kemm-il reġjun. Huwa xieraq li jsir provvediment li r-rapportar tal-prezzijiet għar-Renju Unit ikun relatat ma' żewġ reġjuni, il-Gran Brittanja u l-Irlanda ta' Fuq.

(21) Fil-każ li Stati Membri jkunu stabbilixxew kumitati reġjonali biex jiddeterminaw il-prezzijiet ta' karkassi ta' bovini adulti, għandu jkun hemm dispożizzjoni biex is-sħubija tagħhom tiżgura approċċ oġġettiv u bbilanċjat u li l-prezzijiet iddeterminati minn dawn il-kumitati jittieħdu fil-kunsiderazzjoni meta jiġi kkalkolat il-prezz nazzjonali.

(22) Fil-każ li jsiru xi pagamenti supplimentari lill-forniturі ta' bovini adulti, l-istabbilimenti jew persuni li huma obbligati li jirrapportaw il-prezzijiet għandhom ikunu obbligati li jagħmlu ċerti korrezzjonijiet sabiex jevitaw kwalukwe distorsjoni fil-kalkolu tal-prezzijiet medji nazzjonali.

(23) Il-metodu prattiku li għandu jintuża mill-Istati Membri biex jiġi kkalkolkat il-prezz medju ta' kull gimgħa għandu jkun stipulat. Dawn il-prezzijiet għandhom ikunu rrapportai lill-Kummissjoni kull gimgħa, u għandhom iservu bħala bażi biex fuqhom jiġu ddeterminati l-prezzijiet medji ppeżati fuq livell Komunitarju.

(24) Bil-ħsieb li jsir monitoraġġ tar-rapportar tal-prezzijiet tal-karkassi ta' bovini adulti, tal-majjali u tan-nagħaġ, l-Istati Membri għandhom ikunu obbligati li jikkomunikaw perjodikament ċerta informazzjoni lill-Kummissjoni.

(25) Sabiex tkun żgurata l-applikazzjoni uniformi tal-iskali Komunitarji għall-klassifikazzjoni ta' karkassi taċ-ċanga u tan-nagħaġ madwar il-Komuntità, l-Artikolu 42(2) tar-Regolament (KE) Nru 1234/2007 jipprovdi għal spezzjonijiet li jsiru fil-post magħmulin minn kumitat ta' esperti mill-Kummissjoni u esperti maħtura mill-Istati Membri. Ir-regoli ta' implimentazzjoni li jirrigwardaw il-kompożizzjoni u l-operat tal-kumitat għandhom ikunu stipulati.

(26) Jeħtieġ li jkun ipprovvdut li l-Istati Membri għandhom jieħdu ċerti miżuri biex jiżguraw l-applikazzjoni korretta tal-iskali tal-klassifikazzjoni Komunitarji, biex jiżguraw il-preċiżjoni tal-prezzijiet irrapportati u li jippenaliżżaw xi infrazzjonijiet. Barra minn hekk, l-Istati Membri għandhom ikunu obbligati li jinfurmaw lill-Kummissjoni dwar dawn il-miżuri.

(27) Il-miżuri pprovduti f'dan ir-Regolament huma skont l-opinjoni tal-Kumitat ta' Ġestjoni għall-Organizzazzjoni Komuni tas-Swieq Agrikoli,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

KAPITOLU I

L-AMBITU

Artikolu 1

L-Ambitu

Dan ir-Regolament jistipula regoli dettaljati għall-implimentazzjoni ta' skali Komuunitarji għall-klassifikazzjoni ta' karkassi taċ-ċanga, majjal, u laħam tan-nagħaġ u r-rapportar tal-prezzjijiet tagħhom, kif provdut fl-Artikolu 43, il-punt (m), tar-Regolament (KE) Nru 1234/2007.

KAPITOLU II

IS-SETTUR TAĊ-ĊANGA

Artikolu 2

Ambitu u dispożizzjonijiet ġenerali

1. L-iskala tal-Komunità għall-klassifikazzjoni tal-karkassi fis-settur taċ-ċanga u tal-vitella għandhom japplikaw għall-karkassi ta' bovini adulti.

2. Minkejja l-Parti IV(2) tal-Anness III għar-Regolament (KE) Nru 1234/2007, l-Istati Membri jistgħu jiddeċiedu li l-iskala tal-Komunità msemmija fil-paragrafu 1 għandha tapplika għall-karkassi ta' annimali bovini maqtula fl-età ta' 12-il xahar jew iktar.

3. Għall-applikazzjoni tal-punt A(II) tal-Anness V għar-Regolament (KE) Nru 1234/2007, il-karkassi ta' annimali maskili żgħar mhux ikkastrati ta' anqas minn sentejn (kategorija A) u karkassi ta' annimali oħra maskili mhux ikkastrati (kategorija B) għandu jkun distint skont l-età tal-annimal.

4. L-età tal-annimal bovin kif imsemmi fil-paragrafi 2 u 3 għandu tkun ivverifikata abbażi tal-informazzjoni disponibbli fis-sistema ta' identifikazzjoni u reġistrazzjoni tal-annimali bovini stabbilita f'kull Stat Membru f'konformità mat-Titolu I tar-Regolament (KE) Nru 1760/2000.

Artikolu 3

Dispożizzjonijiet addizzjonali li jirrigwardaw il-klassi ta' konformazzjoni u ta' kisja tax-xaħam

Dispożizzjonijiet dettaljati addizzjonali għad-definizzjonijiet tal-klassijiet ta' konformazzjoni u kisja tal-xaħam imsemmija f'punt A(III) tal-Anness V għar-Regolament (KE) Nru 1234/2007 huma stipulati fl-Anness I għal dan ir-Regolament.

Artikolu 4

Klassi ta' konformazzjoni S

Il-klassi ta' konformazzjoni S imsemmija fil-Punt A(III) tal-Anness (V) għar-Regolament (KE) Nru 1234/2007 tista' tintuża mill-Istati Membri biex jiġu kkunsidrati karatteristiċi partikolari tal-annimali bovini.

Artikolu 5

Deroga mill-klassifikazzjoni obbligatorja tal-karkassi

L-Istati Membri jistgħu jiddeċiedu li r-rekwiżiti fuq klassifikazzjoni tal-karkassi ta' annimali bovini adulti stipulati fil-punt A(V) tal-Anness V għar-Regolament (KE) Nru 1234/2007 ma għandhomx ikunu obbligatorji għal stabbilimenti approvati li ma joqtlux iktar minn 75 annimal bovin adult fil-ġimgħa bħala medja annwali.

Artikolu 6

Klassifikazzjoni u identifikazzjoni

1. Il-klassifikazzjoni u l-identifikazzjoni imsemmija fil-punt A(V) tal-Anness V għar-Regolament (KE) Nru 1234/2007 għandhom isiru fil-biċċerija stess.

2. Il-klassifikazzjoni, l-identifikazzjoni u l-użin ta' karkassa għandu jsir mhux iktar tard minn sigħa wara li l-annimal iddendel.

Madankollu, f'każijiet meta t-tekniki ta' gradazzjoni awtomatizzati msemmija fl-Artikolu 9 ma jirnexxilhomx jikklassifikaw il-karkassi, il-klassifikazzjonu u l-identifikazzjoni ta' dawn il-karkassi għandha ssir fil-ġurnata tal-qatla.

3. L-identifikazzjoni tal-karkassi għandha ssir permezz ta' marka li tindika l-kategorija u l-klassi ta' konformazzjoni u l-kisja tax-xaħam imsemmijin fil-punt A(II) i (III) tal-Anness V għar-Regolament (KE) Nru 1234/2007 rispettivament.

Dan l-immarkar għandu jitwettaq billi jiġu ttimbrati fuq il-wiċċ ta' barra tal-karkassa bl-użu ta' linka li ma titħassarx u li mhix tossika wara li jiġi segwit metodu approvat mill-awtoritajiet kompetenti; l-ittri u ċ-ċifri ma għandhomx ikunu anqas minn żewġ ċentimetri għolja.

Il-marki għandhom jiġu applikati fuq in-naħat ta' wara fuq il-muskolu tal-ġenbejn fil-livell tar-raba' għadma tas-sinsla u fuq in-naħat ta' quddiem, fuq is-sidra bejn 10 u 30 ċentimetri/u mit-tarf tal-qatgħa tal-isternum. Madankollu, l-Istati Membri jistgħu jistabbilixxu pożizzjonijiet oħra fuq kull waħda mill-erba' partijiet sakemm jgħarrfu lill-Kummissjoni minn qabel.

4. Mingħajr preġudizzju għall-Artikolu 4(3)(d) tar-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1669/2006 [1] u l-punt I(a) tal-Annes I għar-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 826/2008 [2], l-Istati Membri jistgħu jawtorizzaw il-bdil tal-immarkar bl-użu tat-tikketti bil-kundizzjonijiet li ġejjin:

(a) it-tikketti jistgħu jinżammu u jitwaħħlu biss fl-istabbilimenti approvati li joqtlu l-annimali; dawn it-tikketti jridu jkunu ta' daqs mhux anqas minn 50 ċm^2;

(b) barra r-rekwiżiti msemmija fil-paragrafu 3, it-tikketti għandhom jindikaw in-numru tal-approvazzjoni tal-biċċerija, in-numru tal-identifikazzjoni jew tal-qtil tal-annimal, id-data tal-qtil, il-piż tal-karkassa u, fejn huwa applikabbli, li l-klassifikazzjoni saret bl-użu ta' tekniki ta' gradazzjoni awtomatizzati;

[1] ĠU L 312, 11.11.2006, p. 6.
[2] ĠU L 223, 21.8.2008, p. 3.

(ċ) jeħtieġ li l-indikazzjonijiet imsemmija fil-punt (b) jkunu jinqraw b'mod ċar u l-ebda bdil ma għandu jkun awtorizzat ħlief jekk ma jkunx immarkat b'mod ċar fuq it-tikketta u għandu jsir taħt is-sorveljanza u l-kundizzjonijiet prattiċi ddeterminati mill-awtoritajiet kompetenti.

(d) it-tikketti jridu jkunu ta' kwalità li mhux falsifikabbli, jirreżistu t-tqattigħ u mwaħħla sew fuq kull waħda mill-erba' partijiet tal-karkassa fil-postijiet iddefiniti fit-tielet subparagrafu tal-paragrafu 3.

Meta l-klassifikazzjoni ssir bl-użu tat-tekniki ta' gradazzjoni awtomatizzati imsemmija fl-Artikolu 11, l-użu tat-tikketti għandu jkun obbligatorju.

5. Il-marki u t-tikketti imsemmijin fil-paragrafi 3 u 4 ma jridux jitneħħew qabel ma l-kwarti tal-karkassa jitneħħielhom l-għadam.

6. Il-kategorija għandha tkun indikata f'konformità mal-punt A(II) tal-Anness V għar-Regolament (KE) Nru 1234/2007 u d-dispożizzjonijiet fl-Artikolu 2(3) u (4) għal dan ir-Regolament.

L-indikazzjoni tas-subklassijiet u, fejn applikabbli, t-tqassim fil-kategoriji skont kemm għandhom età l-annimali għandu jsir permezz ta' simboli oħra barra minn dawk użati għall-klassifikazzjoni.

7. L-obbligi li għandhom x'jaqsmu mal-identifikazzjoni tal-karkassi stabbiliti fil-paragrafi 3sa 6 ma għandhomx japplikaw għall-biċċeriji approvati li huma stess ineħħu l-għadam tal-karkassi miksuba.

Artikolu 7

Komunikazzjoni tar-riżultati tal-klassifikazzjoni

1. Ir-riżultati tal-klassifikazzjoni mwettqa f'konformità mal-punt A(V) tal-Anness V għar-Regolament (KE) Nru 1234/2007 għandhom ikunu kkomunikati bil-miktub jew b'mezzi elettroniċi lill-persuni legali jew naturali li jikkummissjonaw il-qtil.

2. Għal fini ta' komunikazzjoni tar-riżultati ta' klassifikazzjoni, il-fattura jew id-dokument mehmuż magħha, indirizzati lill-fornitur tal-annimal, jew, jekk le, lil persuni fiżiċi jew legali responsabbli għall-operazzjonijiet tal-qtil, għandhom jindikaw għal kull karkassa:

(a) il-kategorija kif ukoll il-klassi ta' konformazzjoni u tal-kisja tax-xaħam permezz ta ittri u ċifri korrispondenti msemmijin fil-punt A(II) u (III) tal-Anness V għar-Regolament (KE) Nru 1234/2007,

(b) il-piż tal-karkassa stabbilit f'konformità mal-Artikolu 13(2) ta' dan ir-Regolament, li jispeċifika jekk dan jirrelatax mal-użin tal-annimal sħun jew inkella kiesaħ;

(ċ) il-preżentazzjoni tal-karkassa applikat fil mument tal-użin u l-klassifikazzjoni fuq il-ganċ;

(d) fejn japplika, li l-klassifikazzjoni saret bl-użu ta' tekniki ta' gradazzjoni awtomatizzati.

3. L-Istati Membri jistgħu jesiġu li l-komunikazzjoni imsemmija fil-paragrafu 2, il-punt (a) tinkludi subklassijiet għal konformazzjoni u kisja tax-xaħam, fejn din l-informazzjoni tkun disponibbli.

L-indikazzjoni tal-preżentazzjoni tal-karkassa msemmija fil-paragrafu 2, il-punt (c) ma għandiex tkun obbligatorja jekk skont il-leġiżlazzjoni adottata fuq livell tal-Istat Membru preżentazzjoni ta' karkassa waħda biss hija awtorizzata.

Artikolu 8

Klassifikazzjoni minn klassifikaturi kwalifikati

L-Istati Membri għandhom jiżguraw illi l-klassifikazzjoni ssir minn klassifikaturi kkwalifikati li jkunu kisbu liċenzja għal dan il-għan. Il-liċenzja tista' tiġi mibdula b'approvazzjoni konċessa mill-Istat Membru fejn din l-approvazzjoni tikkorrispondi ma' rikonoxximent ta' kwalifika.

Artikolu 9

Awtorizzazzjoni ta' tekniki ta' gradazzjoni awtomatizzati

1. L-Istati Membri jistgħu jagħtu liċenzja li tawtorizza t-tekniki ta' gradazzjoni awtomatizzati għall-applikazzjoni fit-territorju tagħhom jew f'parti minnu.

L-awtorizzazzjoni tingħata biss jekk jintlaħqu l-kundizzjonijiet u r-rekwiżiti minimi għat-test ta' ċertifikazzjoni stabbiliti fl-Anness II, il-parti A.

Tal-anqas xahrejn qabel il-bidu tat-test ta' ċertifikazzjoni, l-Istati Membri għandhom jagħtu lill-Kummissjoni l-informazzjoni msemmija fl-Anness II, il-parti B. L-Istati Membri għandhom jinnominaw korp indipendenti li għandu janaliżża r-riżultati tat-test ta' ċertifikazzjoni. Fi żmien xahrejn mit-tmiem tat-test ta' ċertifikazzjoni, l-Istati Membri għandhom jagħtu lill-Kummissjoni l-informazzjoni msemmija fl-Anness II, il-parti C.

2. Fejn tingħata liċenzja li tawtorizza tekniki ta' gradazzjoni awtomatizzati bbażati fuq test ta' ċertifikazzjoni li fih ntużaw iktar minn preżentazzjoni ta' karkassa waħda, u d-differenzi bejn dawk il-preżentazzjonijiet ta' karkassi ma għandhiex twassal għal differenzi fir-riżultati tal-klassifikazzjoni.

3. Wara li jinfurmaw il-Kummissjoni, l-Istati Membri jistgħu jagħtu liċenzja li tawtorizza tekniki ta' gradazzjoni awtomatizzati għall-applikazzjoni fit-territorju tagħhom jew f'parti minnu mingħajr ma jorganizzaw it-test ta' ċertifikazzjoni, iżda biss jekk dik il-liċenzja diġà ngħatat għall-istess tekniki ta' gradazzjoni awtomatizzati għall-klassifikazzjoni għall-applikazzjoni f'parti oħra minn dak l-Istat Membru kkonċernat jew fi Stat Membru ieħor, fuq il-bażi ta' test ta' ċertifikazzjoni b' kampjun ta' karkassi, li jikkunsidraw li huma ugwalment rappreżentattivi, fis-sens ta' kategorija, klassi ta' konformazzjoni u tal-kisja tax-xaħam, tal-annimali bovini adulti maqtulin fl-Istat Membru kkonċernat jew f'parti minnu.

4. Modifikazzjonijiet tal-ispeċifikazzjonijiet tekniċi tat-tekniki ta' gradazzjoni awtomatizzati li għalihom ingħatat liċenzja għandhom ikunu awtorizzati biss wara li tinkiseb l-approvazzjoni tal-awtoritajiet kompetenti tal-Istat Membru kkonċernat u jekk tingħata xhieda li dawk il-modifikazzjoniiet jirriżultaw f'livell tal-anqas tal-istess preċiżjoni minn dak miksub fit-test ta' ċertifikazzjoni.

L-Istati Membri għandhom jinformaw lill-Kummissjoni dwar kull modifika li għaliha jkunu taw l-approvazzjoni tagħhom.

Artikolu 10

Klassifikazzjoni minn tekniki ta'gradazzjoni awtomatizzati.

1. L-istabbilimenti li jħaddmu l-klassifikazzjoni bl-użu ta' tekniki ta' gradazzjoni awtomatizzati għandhom:

(a) jidentifikaw il-kategorija tal-karkassa; għal dan il-għan għandha tintuża s-sistema għall-identifikazzjoni u r-reġistrazzjoni ta' annimali bovini kif imsemmi fit-Titolu I tar-Regolament (KE) Nru 1760/2000;

(b) iżommu rapporti ta' kontroll ta' kuljum dwar it-tħaddim tat-tekniki ta' gradazzjoni awtomatizzati, inkluż partikolarment kull nuqqas li nstab u l-azzjoni li ttieħdet fejn meħtieġ.

2. Il-klassifikazzjoni b'tekniki ta' gradazzjoni awtomatizzati tkun valida biss jekk:

(a) il-preżentazzjoni tkun identika bħal preżentazzjoni wżata matul it-test ta' ċertifikazzjioni, jew

(b) ikun jidher għas-sodisfazzjon tal-awtoritajiet kompetenti tal-Istat Membru kkonċernat, li l-fatt li jintużaw preżentazzjonijiet ta' karkassi differenti ma għandux effett fuq ir-riżultat tal-klassifikazzjoni b'tekniki ta' gradazzjoni awtomatizzati.

Artikolu 11

Kontrolli fil-post

1. Il-prestazzjoni tal-klassifikaturi msemmijin fl-Artikolu 8 kif ukoll il-klassifikazzjoni u l-identifikazzjoni tal-karkassi fl-istabbilimenti koperti mill-punt A(V) tal-Anness V għar-Regolament (KE) Nru 1234/2007 għandu jkun ikkontrollat fil-post mingħajr ma jsir avviż minn qabel mill-korp li huwa indipendenti mill-aġenziji tal-klassifikazzjoni u mill-istabbilimenti.

Madankollu, ir-rekwiżit li jkunu indipendenti mill-aġenzija tal-klassifikazzjoni ma għandux japplika meta l-awtorità kompetenti twettaq hija stess dawn il-kontrolli.

2. Il-kontrolli jridu jsiru tal-anqas darbtejn kull tliet xhur fl-istabbilimenti kollha approvati li joqtlu tal-anqas 75 annimal bovin adult fil-ġimgħa bħala medja annwali. Kull kontroll għandu jirrelata ma' tal-anqas 40 karkassa, magħżulin b'mod aleatorju.

Madankollu, fi stabbilimenti approvati li joqtlu 75 annimal adult bovin jew inqas fil-ġimgħa bħala medja annwali, l-Istati Membri għandhom jiddeterminaw il-frekwenza tal-kontrolli u l-għadd minimu ta' karkassi li jridu jkunu kkontrollati fuq bażi ta' valutazzjoni tar-riskju, partikolarment billi tittieħed kunsiderazzjoni tal-għadd ta' qtil ta' bovini adulti fil-biċċeriji kkonċernati u tas-sejbiet li joħorġu minn kontrolli li jkunu saru qabel f'dawn il-biċċeriji.

L-Istati Membri għandhom jinformaw lill-Kummissjoni dwar il-miżuri li ħadu għall-applikazzjoni tad-dispożizzjonijiet fit-tieni subparagrafu sa mhux iktar tard mill-1 ta' Jannar 2009 u minn hemm 'l quddiem sa xahar żmien wara, tibdil fl-informazzjoni għandha tkun innotifikata.

3. Fl-istabbilimenti kollha approvati li jħaddmu l-klassifikazzjoni bl-użu ta' tekniki ta' gradazzjoni awtomatizzati, għandhom isiru tal-anqas sitt kontrolli f'kull tliet xhur matul l-ewwel 12-il xahar minn meta ngħatat il-liċenzja imsemmija fl-Artikolu 9(1). Wara l-kontrolli għandhom jsiru tal-anqas darbtejn kull tliet xhur fl-istabbilimenti kollha approvati li jħaddmu l-klassifikazzjoni bl-użu ta' tekniki ta' gradazzjoni awtomatizzati. Kull kontroll għandu jirrelata ma' tal-anqas 40 karkassa, magħżulin b'mod aleatorju. Il-kontrolli għandhom jivverifikaw partikolarment:

(a) il-kategorija tal-karkassa,

(b) il-preċiżjoni tat-tekniki ta' gradazzjoni awtomatizzati billi tintuża s-sistema ta' punti u limiti msemmija fl-Anness III. Parti A3,

(ċ) il-preżentazzjoni tal-karkassa,

(d) il-kalibrar ta' kuljum kif ukoll kull aspett tekniku ieħor tat-tekniki ta' gradazzjoni awtomatizzati li huwa relevanti biex jiżguraw li l-livell ta' preċiżjoni miksub bl-użu tat-tekniki ta' gradazzjoni awtomatizzati huwa tal-anqas tajjeb daqs dak miksub fit-test ta' ċertifikazzjoni;

(e) Ir-rapporti ta' kuljum imsemmija fil-punt (b) tal-Artikolu 10(1).

4. Fejn il-korp responsabbli mill-kontrolli ma jaqax taħt l-awtorità ta' korp pubbliku, il-kontrolli previsti fil-paragrafi 2 u 3 għandhom jsiru taħt is-sorveljanza fiżika ta' korp pubbliku taħt l-istess kundizzjonijiet u tal-anqas darba fis-sena. Il-korp pubbliku għandu jiġi mgħarraf regolarment bis-sejbiet tal-korp responsabbli mill-kontrolli.

Artikolu 12

Rapporti tal-ispezzjonijiet u azzjonijiet ta' segwitu

1. Rapporti li jirreferu għall-kontrolli imsemmija fl-Artikolu 11 għandhom isiru u jinżammu mill-korpi ta' kontroll nazzjonali. Dawn ir-rapporti għandhom jinkludu b'mod partikolari l-għadd tal-karkassi ċċekkjati u l-għadd ta' dawk li kienu ġew ikklassifikati jew identifikati b'mod mhux korrett. Għandhom jagħtu wkoll id-dettalji sħaħ tat-tip ta' preżentazzjoni ta' karkassa wżata, u fejn applikabbli, dettalji rigward il-konformità tagħhom mar-regoli Komunitarji.

2. Fil-każijiet fejn jiġi aċċertat numru sinifikanti ta' klassifikazzjoniiet jew ta' identifikazzjonijiet mhux korretti li ma jkunux jikkonformaw mar-regoli matul dawn l-ispezzjonijiet imsemmija fl-Artikolu 11:

(a) il-għadd ta' karkassi spezzjonati u l-frekwenza tal-kontrolli għandhom jiżdiedu;

(b) il-liċenzji jew approvazzjonijiet provduti fl-Artikoli 8 u 9(1) jistgħu jiġu rrevokati.

Artikolu 13

Il-prezz tas-suq li għandu jkun irreġistrat

1. Il-prezz tas-suq li għandu jkun stabbilit fuq il-bażi ta' skala ta' klassifikazzjoni Komunitarja imsemmija fl-Artikolu 42(1)(a) tar-Regolament (KE) Nru 1234/2007 għandu jkun il-prezz imħallas lill-fornitur għall-annimal mal-konsenja lill-biċċerija, nett mit-taxxa tal-valur miżjud. Il-prezz imsemmi għandu jiġi espress għal kull 100 kg ta' karkassa ppreżentata f'konformità mal-paragrafu 3 ta' dan l-Artikolu, miżuna u kklassifikata fuq il-ganċ fil-biċċerija.

2. Il-piż li għandu jiġi kkunsidrat huwa l-piż tal-karkassa meta tkun sħuna u jrid ikun meħud mhux iktar tard minn siegħa wara li l-annimal ikun iddendel.

Il-piż kiesaħ tal-karkassa għandu jikkorispondi mal-piż sħun kif imsemmi fl-ewwel subparagrafu bit-tnaqqis ta' 2 %.

3. Għal finijiet biex jiġu stabbiliti l-prezzijiet fis-suq, il-karkassa għandha tiġi ppreżentata mingħajr ma jitneħħilha x-xaħam ta' barra, l-għonq maqtugħ skont ir-rekwiżiti veterinarji:

(a) mingħajr kliewi,

(b) mingħajr xaħam tal-kliewi,

(ċ) mingħajr xaħam pelviku,

(d) mingħajr falda rqiqa,

(e) mingħajr falda ħoxna

(f) mingħajr denb,

(g) mingħajr in-nerv tas-sinsla,

(h) mingħajr xaħam tal-iskrotu,

(i) mingħajr ix-xaħam fuq in-naħa ta' ġewwa tan-naħa l-għolja tal-koxxa,

(j) mingħajr il-vina ġugulari u x-xaħam li jmiss magħha.

4. Biex jiġi applikat it-tieni subparagrafu tal-punt A(V) għall-Anness V għar-Regolament (KE) Nru 1234/2007 u B'deroga tal-paragrafu 3 ta' dan l-Artikolu, it-tneħħija tax-xaħam ta' barra tkun tinvolvi esklussivament it-tneħħija parzjali tax-xaħam ta' barra:

(a) mill-għandma tal-ġenb (bejn l-aħħar kustilja u l-koxxa), mill-flett u mill-kustilji tan-nofs;

(b) mit-tarf tal-ponta tas-sidra, iż-żona ano-ġenitali ta' barra u d-denb;

(ċ) min-naħa l-għolja tal-koxxa.

5. Fil-każ meta l-preżentazzjoni tal-karkassa, wara l-użin u l-klassifikazzjoni fuq il-ganċ, tkun differenti mill-preżentazzjoni provduta fil-paragrafu 3, il-piż tal-karkassa għandu jkun aġġustat bl-applikazzjoni tal-fatturi korrettivi speċifikati fl-Anness III sabiex tiprogredixxi minn dik il-preżentazzjoni għal dik tar-referenza. F'dan il-każ il-prezz għal kull 100 kg ta' karkassa għandu jkun aġġustat kif xieraq.

Meta l-aġġustamenti msemmija fl-ewwel subparagrafu huma l-istess fit-territorju kollu tal-Istat Membru, dawn għandhom ikunu kkalkolati fuq bażi nazzjonali. Meta t-tali aġġustamenti jvarjaw minn biċċerija għall-oħra, għandhom jiġu kkalkolati individwalment.

Artikolu 14

Kategoriji u klassijiet għar-reġistrar ta' prezzijiet tas-suq

1. Ir-reġistrar Nazzjonali u Komunitarju tal-prezzijiet tas-suq skont il-bażi tal-iskala għall-klassifikazzjoni Kommunitarja imsemmija fl-Artikolu 42(1)(a) tar-Regolament (KE) Nru 1234/2007 għandha ssir kull ġimgħa u għandha tkun relatata ma' dawn il-klassijiet ta' konformazzjoni u tal-kisja tax-xaħam għall-ħames kategoriji speċifikati fil-punt A(II) tal-Anness V għal dak ir-Regolament:

(a) karkassi ta' annimali maskili żgħar mhux ikkastrati ta' età ta' anqas minn sentejn: U2, U3, R2, R3, O2, O3;

(b) karkassi ta' annimali maskili mhux kkastrati oħrajn: R3;

(ċ) karkassi ta' annimali maskili kkastrati: U2, U3, U4, R3, R4, O3, O4;

(d) karakssi ta' annimali femminili li welldu: R3, R4, O2, O3, O4, P2, P3;

(e) karakssi ta' annimali femminili oħrajn. U2, U3, R2, R3, R4, O2, O3, O4.

2. L-Istati Membri għandhom jiddeċiedu jekk it-territorju tagħhom għandux ikun jikkonsisti f'reġjun wieħed jew għandux jiġi maqsum f'aktar minn reġjun wieħed. Din id-deċiżjoni għandha tittieħed skont il-bażi ta':

(a) Id-daqs tat-territorju;

(b) l-eżistenza, jekk hemm, ta' diviżjonijiet amministrattivi;

(ċ) varjazzjonijiet ġeografiċi fil-prezzijiet.

Madankollu, r-Renju Unit għandu jkun jikkonsisti tal-anqas f'żewġ reġjuni, jiġifieri l-Gran Brittanja u l-Irlanda ta' Fuq, li jistgħu jiġu suddiviżi fuq il-bażi tal-kriterji msemmija fl-ewwel subparagrafu.

Artikolu 15

Prezzijiet rappreżentattivi

1. Dan li ġej għandu jkun meħtieġ biex il-prezzijiet jiġu rreġistrati:

(a) l-operatur ta' kull biċċerija li ta' kull sena toqtol 20 000 annimal bovin adult jew aktar li jkun imrobbi minnha jew fl-interess tagħha u/jew annimal adult bovin mixtri minnha;

(b) l-operatur ta' kull biċċerija li tiġi nnominata mill-Istat Membru u li ta' kull sena toqtol anqas minn 20 000 annimal bovin adult mrobbi minnha jew fl-interess tagħha u/jew annimal bovin adult mixtri minnha;

(ċ) kull persuna naturali jew legali li tibgħat 10 000 annimal bovin adult jew aktar għall-qatla kull sena f'biċċerija; u

(d) kull persuna naturali jew legali magħżula mill-Istat Membru u li tibgħat inqas minn 10 000 annimal bovin adult f'biċċerija għall-qatla kull sena.

L-Istat Membru għandu jiżgura li prezzijiet jiġu rreġistrati għal tal-anqas:

(a) 25 % tal-qtil f'dawk ir-reġjuni tagħha li flimikien ikopru tal-anqas 75 % tal-qtil totali f'dak l-Istat Membru, u

(b) 30 % tal-annimali bovini adulti maqtula fit-territorju tiegħu.

2. Il-prezzijiet irreġistrati taħt paragrafu 1 għandhom ikunu dawk li jirreletaw ma' annimali bovini adulti maqtulin matul il-perjodu tar-reġistrar ikkonċernat, fuq il-bażi tal-piż tal-karkassa kiesħa kif imsemmi fit-tieni subparagrafu tal-Artikolu 13(2).

Fil-każ ta' biċċerija li toqtol annimali bovini adulti mrobbija minnha stess jew fl-interess tagħha, il-prezz irreġistrat għandu jkun il-prezz medju mħallas għal karkassi tal-kategorija u l-klassi ekwivalenti, maqtula matul l-istess ġimgħa f'dik il-biċċerija.

Il-prezzijiet irreġistrati għal kull klassi msemmija fl-Artikolu 14(1) għandhom juru l-piż medju tal-karkassa li hi relatata magħħhom u jekk ikunux ġew ikkorreġuti jew le biex jiġi kkunsidrat kull wieħed mill-elementi msemmija fl-Artikolu 13.

Artikolu 16

Kalkolu tal-prezzijiet ta' kull ġimgħa

1. Il-prezzijiet irreġistrati f'konformità mal-Artikolu 15 fil-perjodu mit-Tnejn sal-Ħadd, għandhom:

(a) jiġu rrapportati lill-awtorità kompetenti tal-Istat Membru bil-miktub jew b'mezzi elettroniċi mill-operatur tal-biċċerija jew mill-persuna naturali jew legali kkonċernata sat-tali ħin kif stabbilit mill-Istat Membru, jew

(b) fuq għażla tal-Istat Membru, jitqiegħed għad-dispożizzjoni tal-awtorità kompetenti fil-biċċerija jew tal-bini tal-persuna naturali jew legali.

Madankollu, fejn Stat Membru jkun stabbilixxa kumitat biex jiddeċiedi prezzijiet għal reġjun, u meta s-sħubija ta' dak il-kumitat tkun diviża ugwalment bejn xerrejja u bejjiegħa tal-annimali bovini adulti u l-karkassi tagħhom, bi president bħala impjegat mill-awtorità kompetenti, dak l-Istat Membru jista' jordna li l-prezzijiet u d-dettalji jintbagħtu direttament lill-president tal-kumitat f'dak ir-reġjun relevanti. Fil-każ li l-Istat Membru ma jordnax hekk, l-awtorità kompetenti għandha tibgħathom lill-president ta' dak il-kumitat. Il-president għandu jiżgura li l-oriġini ta' kull prezz ma jkunx jista' jiġi identifikat meta dan jiġi kkomunikat lill-membri tal-kumitat.

2. Il-prezzijiet irrapportati għandhom ikunu l-prezz medju għal kull klassi.

3. Kull biċċerija jew persuna naturali jew legali msemmija fl-ewwel subparagrafu tal-Artikolu 15 (1) li tagħmel ħlasijiet supplimentari lil fornituri tal-annimali bovini adulti jew tal-karkassi tagħhom, sakemm dawk il-ħlasijiet ma jiġux ikkunsidrati fil-prezzijiet irrapportati, għandhom jinnotifikaw lill-awtorità kompetenti tal-Istat Membru dwar l-aħħar ħlas supplementari magħmul minnha, u l-perjodu li għalih jirreferi. Minn hemm 'il quddiem huma għandhom jinnotifikaw lill-Istat Membru dwar l-ammont ta' kull ħlas supplimentari kull darba li dak il-ħlas isir.

4. L-awtorità kompetenti tal-Istat Membru għandha tiddetermina prezzijiet reġjonali medji għal kull klassi msemmija fl-Artikolu 14(1) mill-prezzijiet irrapportati lilha skont il-paragrafu 1 ta' dan l-Artikolu.

Il-kumitati msemmija fit-tieni subparagrafu tal-paragrafu 1 ta' dan l-Artikolu għandhom jiffissaw il-prezzijiet medji reġjonali għal kull klassi msemmija fl-Artikolu 14(1) mill-prezzijiet irrapportati lilhom skont il-paragrafu 1 ta' dan l-Artikolu u dawn għandhom jirrapportawhom lill-awtorità kompetenti tal-Istat Membru.

5. Fil-każ ta' xiri b'rata fissa, meta l-karkassi f'konsenja jirrelataw ma' mhux iktar minn tliet klassijiet konsekuttivi ta' konformazzjoni u tliet klassijiet konsekuttivi tal-kisja tax-xaħam fl-istess kategorija, il-prezz għandu jiġi kkunsidrat fl-iffissar tal-prezzijiet skont il-paragrafu 4 tal-klassi ta' konformazzjoni li fiha jkun ikklassifikat l-akbar għadd ta' karkassi jew, jekk ikunu mqassmin ugwalment bejn il-klassijiet, għall-klassi tan-nofs minn dawk il-klassijiet, meta dik il-klassi tkun teżisti. Fil-każijiet l-oħrajn kollha l-prezz ma għandux jiġi kkunsidrat.

Madankollu, meta xiri b'rata fissa jkun jammonta għal inqas minn 35 % tal-qtil totali tal-annimali bovini adulti fl-Istat Membru, dan jista' jiddeċiedi li ma jikkunsidrax il-prezzijiet għal dak il-bejgħ fil-kalkoli skont il-paragrafu 4.

6. Prezz nazzjonali tal-bidu għandu mbagħad jiġi kkalkolat għal kull klassi mill-awtorità kompetenti billi jiġu ppeżati l-prezzijiet reġjonali biex tiġi kkunsidrata l-importanza tal-qtil fir-reġjun li miegħu jirrelataw għall-kategorija kkonċernata f'relazzjoni mal-għadd globali ta' qtil għall-kategorija kkonċernata fl-Istat Membru.

7. L-awtorità kompetenti għandha tikkoreġi l-prezz nazzjonali tal-bidu għal kull klassi imsemmija fil-paragrafu 6:

(a) biex tikkunsidra kull wieħed mill-elementi msemmija fl-Artikolu 13 fejn dik il-korrezzjoni tkun għadha ma saritx;

(b) Biex ikun żgur li l-prezz ikun ikkalkolat fuq il-bażi tal-piż kiesaħ tal-karkassa kif imsemmi fit-tieni subparagrafu tal-Artikolu 13(2).

(ċ) biex jiġu kkonsidrati l-ħlasijiet supplimentari li jkunu saru, kif imsemmi fil-paragrafu 3, jekk il-korrezzjoni tkun sa tammonta għal tal-anqas 1 % tal-prezz għall-klassi inkwistjoni.

L-awtorita' kompetenti, waqt li tkun qed tagħmel il-korrezzjoni skont il-punt (c), għandha tiddividi t-total tal-ħlasijiet supplimentari li jkunu saru b'relazzjoni mas-settur taċ-ċanga fl-Istat Membru kkonċernat fis-sena finanzjarja preċedenti, bit-total annwali tal-prodott ipproċessat f'tunnellati ta' annimali bovini adulti li għalihom ikunu qed jiġu rrapportati l-prezzijiet.

8. Fejn, fl-opinjoni tal-awtorità kompetenti tal-Istat Membru, il-prezzijiet irrapportati lilha:

(a) jkunu jirreferu għal għadd insinifikanti ta' karkassi, hija ma għandhiex tikkunsidra dawn il-prezzijiet,

(b) ikunu jidhru li mhumiex affidabbli, hija għandha tikkunsidrahom biss jekk u meta hija tkun sodisfatta li dawn ikunu affidabbli.

Artikolu 17

Ir-rapportar tal-prezzijiet ta' kull ġimgħa lill-Kummissjoni

1. F'konformità mal-Artikolu 36, l-Istati Membri għandhom jikkomunikaw lill-Kummissjoni l-prezzijiet ikkalkolati f'konformità mal-Artikolu 16(4) sa (7). Huma ma għandhomx jikkomunikaw dawk il-prezzijiet lil xi korp ieħor qabel huma jkunu kkomunikawhom lill-Kummissjoni.

2. Meta, f'ċirkostanzi eċċezzjonali jew minħabba raġunijiet staġjonali, il-prezzijiet li għandhom x'jaqsmu ma' għadd sinifikanti ta' karkassi ta' klassi waħda jew aktar imsemmija fl-Artikolu 14(1) ma jkunux jistgħu jiġu rreġistrati fi Stat Membru jew f'reġjun, il-Kummissjoni tista' tuża l-aħħar prezzijiet irreġistrati għall-imsemmija klassi jew klassijiet qabel ma jkun ġara dan; meta t-tali is-sitwazzjoni terġa' tiġri għal aktar minn ġimagħtejn konsekuttivi, il-Kummissjoni tista' tiddeċiedi dwar it-tneħħija temporanja tal-klassi jew tal-klassijiet inkwistjoni għall-finijiet tar-rapportar tal-prezzijiet u dwar it-tqassim mill-ġdid temporanju tal-peżata jew peżati allokati għal dawk il-klassijiet.

Artikolu 18

Prezzijiet medji Komunitarji

1. Għal kategorija speċifika:

(a) il-prezz Komunitarju medju għal kull waħda mill-klassijiet ta'-konformazzjoni u tal-kisja tax-xaħam elenkati fl-Artikolu 14(1) għandu jkun il-medja b'piż differenzjat tal-prezzijiet nazzjonali tas-suq irreġistrata għall-klassi. Il-peżar għandu jiġi bbażat fuq il-proporzjon tal-kwantitajiet li jkunu nqatlu minn dik il-klassi f'kull Stat Membru meta mqabbel mat-total tal-qtil ta' dik il-klassi fil-Komunità;

(b) il-prezz Komunitarju medju għal kull klassi ta' konformazzjoni għandu jkun il-medja b'piż differenzjat tal-medja tal-prezzijiet Komunitarji għall-klassijiet tal-kisja tax-xaħam li jikkostitwixxu dik il-klassi tal-konformazzjoni. Il-peżar għandu jiġi bbażat fuq il-proporzjon tal-qtil ta' kull klassi tal-kisja tax-xaħam meta mqabbel mat-total tal-qtil ta' dik il-klassi tal-konformazzjoni fil-Komunità;

(ċ) il-prezz Komunitarju medju għandu jkun il-medja b'piż differenzjat tal-medja tal-prezzijiet Komunitarji msemmija fil-punt (a). Il-peżar għandu jiġi bbażat fuq il-proporzjon tal-kwantitajiet maqtula f'kull klassi kif imsemmi fil-punt (a) meta mqabbel mat-total tal-qtil Komunitarju fil-kategorija.

2. Il-prezz Komunitarju medju għall-kategoriji kollha flimkien għandu jkun il-medja b'piż differenzjat tal-prezzijiet medji msemmija fil-paragrafu 1 (c). Il-peżar għandu jiġi bbażat fuq il-proporzjon ta' kull kategorija kif imqabbel mat-total tal-qtil tal-annimali bovini adulti fil-Komunità.

Artikolu 19

Notifika Annwali tal-Istati Membri lill-Kummissjoni

Mhux iktar tard mill-15 ta' April ta' kull sena, l-Istati Membri għandhom jibagħtu lill-Kummissjoni:

(a) lista kunfidenzjali ta' biċċeriji li jirreġistraw prezzijiet, kemm skont l-Artikolu 15(1)(a) kif ukoll (b), li turi l-ammont tal-annimali bovini adulti għal kull biċċerija, espress f'numri u, jekk ikun possibbli, f'tunellati tal-piż tal-karkassi, fis-sena kalendarja ta' qabel;

(b) lista kunfidenzjali ta'persuni naturali jew legali li jirreġistraw il-prezzijiet, kemm skont l-Artikolu 15(1)(c) kif ukoll skont (d), li turi l-għadd tal-annimali bovini adulti, jekk ikun possibli espress ukoll f'tunnellati tal-piż tal-karkassi mibgħuta minnhom għall-qatla fis-sena kalendarja ta' qabel;

(ċ) lista tar-reġjuni li għalihom il-prezzijiet jiġu rreġistrati u l-peżar anness ma' kull waħda minnhom skont l-Artikolu 16(6).

KAPITOLU III

SETTUR TAL-LAĦAM TAL-MAJJAL

Artikolu 20

Derogi mill-klassifikazzjoni tal-karkassi obbligatorji

1. L-iskala tal-klassifikazzjoni tal-karkassi tal-majjal msemmija fl-Artikolu 42(1) tar-Regolament (KE) Nru 1234/2007 għandha tintuża mill-biċċeriji kollha biex jiġu ggradati l-karkassi kollha sabiex il-produtturi jkunu jistgħu jirċievu pagament ġust ibbażat fuq il-piż u l-kompożizzjoni tal-majjali li jkunu kkonsenjaw lill-biċċerija.

2. B'deroga mill-paragrafu 1, l-Istati Membri jistgħu jiddeċiedu li ma japplikawx din l-iskala obbligatorja fil-biċċeriji:

(a) li għalihom ġie stabbilit numru massimu ta' qtil mill-Istati Membri kkonċernati; dan l-għadd ma jistax jeċċedi 200 majjal fil-ġimgħa fuq bażi ta' medja annwali;

(b) li joqtlu biss majjali mwielda u msemmna fl-istess stabbilimenti fejn twieldu u li jqattgħu il-karkassi kollha miksuba.

L-Istati Membri kkonċernati għandhom jinnotifikaw lill-Kummissjoni bid-deċiżjoni tagħhom, imsemmija fl-ewwel subparagrafu, u jispeċifikaw l-akbar numru ta' qatliet awtorizzat f'kull biċċerija li hija eżenti mill-applikazzjoni tal-iskala Komunitarja.

Artikolu 21

Użin, gradazzjoni u mmarkar

1. Il-karkassi tal-majjal għandhom jiġu ggradati, f'konformità mal-klassifikazzjoni definita mal-punt B(II) tal-Anness V għar-Regolament (KE) Nru 1234/2007 waqt il-ħin tal-użin.

Rigward majjali maqtula fit-territorju tagħhom, l-Istati Membri jistgħu jiġu awtorizzati biex jawtorizzaw l-klassifikazzjoni qabel l-użin, f'konformità mal-proċedura imsemmija fl-Artikolu 195(2) tar-Regolament (KEE) Nru 1234/2007.

2. F'konformità mal punt (iv) tal-Artikolu 43(m) tar-Regolamet (KE) Nru 1234/2007, d-dispożizzjonijiet tal-punt B(II) tal-Anness V għar-Regolament (KE) Nru 1234/2007 u l-paragrafu 1 ta' dan l-Artikolu, ma jeskludux, fir-rigward ta' majjali maqtula fit-territorju ta' Stat Membru, l-użu ta' kriterji ta' valutazzjoni minn barra l-piż u l-kontenut ta' dgħif stimat.

3. Eżatt wara l-gradazzjoni, il-karkassi tal-majjal għandhom jiġu mmarkati, b'ittra kapitali li turi l-klassi tal-karkassa jew il-perċentwal stimat tad-dgħif kif stabbilit fil-punt B(II) tal-Anness V għar-Regolament (KE) Nru 1234/2007.

L-ittri u n-numri għandhom ikunu tal-anqas ta' 2 ċentimetri għoli. Kull inka mhux tossika, indelibbli u li tirreżisti għasshana tista' tintuża biex isir l-immarkar kif ukoll kull forma oħra ta' mmarkar permanenti awtorizzat minn qabel mill-awtoritajiet nazzjonali kompetenti.

Minħajr preġudizzju għall-ewwel subparagrafu, d-dettalji tal-piż tal-karkassa u kull dettal ieħor ikkunsidrat xieraq jista' jiġi mmarkat fuq il-karkassa.

Nofsijiet ta' karkassi għandhom jiġu mmarkati fuq il-ġilda tassieq ta' wara jew fuq il-koxxa.

Tikketta mwaħħla b'mod li ma tistax titneħħa bla ma ssirilha ħsara tista' wkoll tkun forma aċċettabbli ta' mmarkar.

4. B'deroga mill-paragrafu 3, l-Istati Membri jistgħu jistabbilixxu li l-karkassi tal-majjal ma għandhomx għalfejn ikunu mmarkati jekk ikun ġie rreġistrat rekord uffiċjali għal kull karkassa li jkun fih tal-anqas:

(a) identifikazzjoni individwali tal-karkassa li ma tinbidel bl-ebda mod;

(b) il-piż tal-karkassa sħuna, u

(ċ) stima tal-kontenut ta' laħam dgħif.

Din ir-reġistrazzjoni għandha tinżamm għal sitt xhur u, fil-jum meta ssir, għandha tiġi ċċertifikata bħala ċertifikat oriġinali veru minn persuna li tkun ingħatat dan ix-xogħol ta' verifika.

Madankollu, sabiex jinbiegħu mhux mqattgħin fi Stat Membru ieħor, il-karkassi għandhom jiġu mmarkati f'konformità malklassi xierqa, kif provdut fil-punt B(II) tal-Anness V għar-Regolament (KE) Nru 1234/2007, jew f'konformità mal-perċentwal li jesprimi l-kontenut ta' laħam dgħif tagħhom.

5. Mingħajr preġudizzju għat-tieni paragrafu tal-punt B(III) tal-Anness V għar-Regolament (KE) Nru 1234/2007, ma jista' jitneħħa l-ebda xaħam, muskolu jew tessut mill-karkassa qabel ma tintiżen, tiġi ggradata u mmarkata.

Artikolu 22

Piż tal-karkassa

1. Għall-finijiet tal-applikazzjoni tal-Artikolu 42(1)(b) tar-Regolament (KE) Nru 1234/2007, il-piż għandu japplika għall-karkassa kiesħa ppreżentata kif deskritt fil-punt B(III) tal-Anness V għall dak ir-Regolament.

2. Il-karkassa għandha tintiżen malajr kemm jista' jkun wara l-qtil u mhux aktar minn 45 minuta wara li jiddendel il-majjal.

Il-piż kiesaħ tal-karkassa għandu jikkorrispondi mal-piż sħun irreġistrat kif imsemmi fl-ewwel subparagrafu bi tnaqqis ta' 2 %.

Jekk, f'xi biċċerija, il-perjodu ta' 45 minuta bejn li l-majjal jiddendel u li jintiżen ġeneralment ma jkunx jista' jinżamm, l-awtorità kompetenti tal-Istat Membru kkonċernat tista' tawtorizza li dan il-perjodu jiġi mtawwal sakemm it-tnaqqis ta' 2 % speċifikat fit-tieni subparagrafu jonqos b'0.1 ta' punt għal kull kwarta addizzjonali jew parti minnha li tkun għaddiet.

3. B'deroga mill-paragrafi 1 u 2, il-piż tal-karkassa kiesħa jista' jiġi kkalkolat b'referenza għal skali predeterminati minn qabel ta' tnaqqis assolut ta' piż stabbilit mill-Istati Membri f'konformità mal-karatteristiċi tal-merħliet tal-majjali tagħhom u nnotifikat lill-Kummissjoni. L-użu ta' dawn l-iskali għandu jiġi awtorizzat f'konformità mal-proċedura imsemmija fl-Artikolu 195(2) tar-Regolament (KE) Nru 1234/2007, jekk it-tnaqqis għal klassijiet individwali ta' piż ikun jikkorrispondi, kemm jista' jkun, mat-tnaqqis li jirriżulta mill-paragrafi 1 u 2.

Artikolu 23

Kontenut ta' laħam dgħif tal-karkassa tal-majjal

1. Għall-finijiet tal-applikazzjoni tal-punt B(IV) tal-Anness V għar-Regolament (KE) Nru 1234/2007, il-kontenut tal-laħam dgħif tal-karkassa tal-majjal għandu jkun ir-relazzjoni bejn:

— il-piż totali tal-muskoli ħomor irrigati sakemm dawn ikunu jistgħu jiġu mifruda b'sikkina, u

— l-piż tal-karkassa.

Il-piż totali tal-muskoli ħomor irrigati jinkiseb jew bid-dissezzjoni totali jew b'dissezzjoni parzjali tal-karkassa jew bil-kombinazzjoni ta' dissezzjoni totali u parzjali b'metodu nazzjonali rapidu bbażat fuq metodi ppruvati bl-istatistika adottati f'konformità mal-proċedura imsemmija fl-Artikolu 195(2) tar-Regolament (KE) Nru 1234/2007.

Id-dissezzjoni msemmija fit-tieni subparagrafu tista' tkun sostitwita wkoll bil-valutazzjoni tal-perċentwal tal-laħam dgħif permezz ta' dissezzjoni totali b'apparat komputerizzat tat-tomografija bil-kundizzjoni li jiġu pprovduti riżultati komparattivi tad-dissezzjoni sodisfaċenti.

2. Il-metodu standard statistiku għall-valutazzjoni tal-kontenut tad-dgħif fil-karkassi tal-majjal awtorizzat bħala metodu ta' gradazzjoni fi ħdan it-tifsira tal-punt B(IV) tal-Anness V għar-Regolament (KE) Nru 1234/2007, għandu jkun jew it-teknika tal-ordinary least squares [l-inqas kwadrati ordinarji] jew inkella l-metodi rank reduced [mnaqqsa skond il-grad] imma jistgħu jintużaw metodi oħra statistikament ippruvati.

Il-metodu għandu jiġi bbażat fuq kampjun rappreżentattiv tal-produzzjoni tal-laħam tal-majjal ikkonċernata, nazzjonali jew reġjonali, li jkun jikkonsisti f'mill-anqas 120 karkassa li l-kontenut tad-dgħif tagħhom ikun ġie aċċertat skont il-metodu tad-dissezzjoni stabbilit fl-Anness IV ta' dan ir-Regolament. Jekk jintużaw diversi metodi ta' kampjunatura, r-referenza għandha titkejjel fuq tal-anqas 50 karkassa u l-preċiżjoni għandha tkun tal-anqas ugwali għal dik miksuba bl-użu tal-metodu statistiku standard fuq 120 karkassa bl-użu tal-metodu fl-Anness IV.

3. Metodi ta' gradazzjoni għandhom jkunu awtorizzati biss jekk l-għerq kwadrat medju tal-previżjoni (RMSEP), ikkalkulat permezz ta' teknika ta' validazzjoni msallba integrali jew b'test ta' validazzjoni ssettjata fuq kampjun rappreżentattiv ta' tal-anqas 60 karkassa, jkun anqas minn 2.5. Barra minn hekk, il-valuri atipiċi għandhom jiġu inklużi fil-kalkolu tal-RMSEP.

4. L-Istati Membri għandhom jinfurmaw lill-Kummissjoni, permezz ta' protokoll, dwar il-metodi ta' gradazzjoni li huma jixtiequ li jiġu awtorizzati biex jiġu applikati fit-territorju tagħhom, billi jiddeskrivu l-prova tad-dissezzjoni u jindikaw il-prinċipji li fuqhom dawn il-metodi jkunu bbażati u l-ekwazzjonijiet użati biex issir stima tal-perċentwal tad-dgħif. IL-protokoll għandu jkollu żewġ partijiet u għandu jinkludi l-elementi provduti fl-Anness V. L-ewwel parti tal-protokoll trid tkun ppreżentata lill-Kummissjoni qabel ma tibda l-prova tad-dissezzjoni.

L-applikazzjoni tal-metodi tal-gradazzjoni fit-territorju tal-Istat Membru għandha tiġi awtorizzata f'konformità mal-proċedura imsemmija fl-Artikolu 195(2) tar-Regolament (KE) Nru 1234/2007 fuq il-bażi tal-protokoll.

5. L-applikazzjoni ta' metodi ta' gradazzjoni għandha tkun tikkorrispondi fil-partikolarijiet kollha mad-deskrizzjoni mogħtija fid-Deċiżjoni tal-Komunità li tawtorizzahom.

Artikolu 24

Kontrolli fil-post

1. Il-gradazzjoni, l-użin u l-immarkar tal-karkassa tal-majjal fl-istabbilimenti imsemmija fl-Artikolu 20 għandhom ikunu kkontrollati fil-post, mingħajr avviż minn qabel, minn korp li huwa indipendenti mill-aġenziji tal-klassifikazzjoni u mill-istabbilimenti.

Madankollu, ir-rekwżit li jkunu indipendenti mill-aġenzija tal-klassifikazzjoni m'għandhiex tapplika meta l-awtorità kompetenti twettaq hija stess dawn il-kontrolli.

2. Il-kontrolli jridu jsiru tal-anqas darbtejn kull tliet xhur fl-istabbilimenti kollha approvati li joqtlu tal-anqas 200 majjal fil-ġimgħa bħala medja annwali.

Madankollu, għal stabbilimenti approvati li joqtlu inqas minn 200 majjal fil-ġimgħa bħala medja annwali, l-Istati Membri jiddeterminaw il-frekwenza tal-kontrolli.

3. Biex jiġu applikati d-dispożizzjonijiet tal-paragrafi 1 u 2, l-Istati Membri se:

(a) jiddeterminaw l-ambitu tal-kontrolli fuq il-bażi tal-valutazzjoni ta' riskju tagħhom, partikolarment billi jiġi kkonsidrat l-għadd ta' majjali maqtula fil-biċċeriji kkonċernati u s-sejbiet li joħorġu mill-kontrolli li jkunu saru qabel f'dawn il-biċċeriji.

(b) jinformaw lill-Kummissjoni dwar il-miżuri li ħadu għall-applikazzjoni ta' dawn id-dispożizzjonijiet sal-1 ta' Jannar 2009 u minn hemm 'il quddiem sa xahar żmien wara kull bidla fl-informazzjoni li għandha tkun innotifikata.

4. Fejn il-korp responsabbli mill-kontrolli ma jaqax taħt l-awtorità ta' korp pubbliku, il-kontrolli provduti fil-paragrafi 1 u 2 għandhom jsiru taħt is-sorveljanza fiżika ta' korp pubbliku taħt l-istess kundizzjonijiet u tal-anqas darba fis-sena. Il-korp pubbliku għandu jiġi mgħarraf regolarment bis-sejbiet tal-korp responsabbli mill-kontrolli.

Artikolu 25

Prezz tas-suq għal karkassi tal-majjal fl-Istati Membri

1. Il-prezz tal-karkassa tal-majjal fi Stat Membru għandha tkun ugwali għal medja tal-kwotazzjonijiet tal-karkassi tal-majjal irreġistrata fis-swieq rappreżentattivi jew fiċ-ċentri ta' kwotazzjoni ta' dak l-Istat Membru.

2. Il-prezz imsemmi fil-paragrafu 1 għandu jiġi ddeterminat billi jintużaw il-kwotazzjonijiet reġistrati waqt li jintiżnu l-karkassi:

— 60 sa inqas minn 120 kg ta' grad E,

— 120 sa inqas minn 180 kg ta' grad R.

L-għażla tal-kategoriji tal-piż u kwalunkwe użin tagħhom għandu jitħalla f'idejn l-Istati Membri kkonċernati; dawn tal-aħħar għandhom jinfurmaw lill-Kummissjoni bihom.

3. L-Istati Membri għandhom jinformaw lill-Kummissjoni dwar is-swieq rappreżentattivi u ċentri ta' kwotazzjoni imsemmija fil-paragrafu 1 sa mhux iktar tard mill-1 ta' Jannar 2009 u minn hemm 'il quddiem sa xahar żmien wara kull bidla fl-informazzjoni li għandha tkun innotifikata.

Il-Kummissjoni għandha tikkomunika n-notifiki msemmija fl-ewwel subparagrafu lill-Istati Membri l-oħra.

Artikolu 26

Prezz medju Komunitarju

1. Il-prezz tas-suq medju Komunitarju tal-karkassi tal-majjal imsemmi fl-Artikolu 17 u 37 tar-Regolament (KE) Nru 1234/2007 għandu jiġi ddeterminat fuq il-bażi tal-prezzijiet waqt id-dħul fil-biċċerija, eskluża t-taxxa fuq il-valur miżjud, imħallsa lill-fornituri ta' majjali ħajjin.

2. Il-prezz determinat skont il-paragrafu 1 għandu jinkludi l-valur tal-ġewwieni u l-fdalijiet tal-annimali mhux proċessati u għandu jkun ikkwotat għal kull 100 kg ta' karkassi kiesħa tal-majjal:

— preżentati f'konformità mal-preżentazzjoni ta' referenza stabbilita fl-ewwel subparagrafu tal-punt B(III) tal-Anness V għar-Regolament (KE) Nru 1234/2007 u

— miżunin u kklassifikati fuq il-ganċ tal-biċċerija, il-piż irreġistrat ikun konvertit f'piż ta' karkassa kiesħa f'konformità mal-metodi stabbiliti fl-Artikolu 22 ta' dan ir-Regolament.

3. Għall-kalkolu tal-prezz tas-suq Komunitarju kif provdut fil-paragrafu 1, il-prezzijiet irreġistrati f'kull Stat Membru għandhom ikunu ppeżati bl-użu ta' koeffiċjenti li jesprimu id-daqs relattiv tal-popolazzjoni tal-majjali ta' kull Stat Membru.

Il-koeffiċjenti imsemmijin fl-ewwel subparagrafu għandhom jiġu ddeterminati fuq il-għadd ta' majjali magħduda fil-bidu ta' Diċembru ta' kull sena f'konformità mad-Direttiva tal-Kunsill 93/23/KEE [1].

Artikolu 27

Rapportar tal-prezzijiet ta' kull ġimgħa lill-Kummissjoni

1. F'konformità mal-Artikolu 36, l-Istati Membri għandhom jgħarrfu lill-Kummissjoni:

(a) il-kwotazzjonijiet kif iddeterminati f'konformità mal-Artikolu 25(1) u l-Artikolu 26(1); u

(b) il-kwotazzjonijiet rappreżentattivi għall-ħnienes ta' piż ħaj medju ta' bejn wieħed u ieħor 20 kg għal kull ras.

2. Fejn waħda jew iżjed kwotazzjonijiet ma jaslux lill-Kummissjoni, din tal-aħħar għandha tikkunsidra l-aħħar kwotazzjoni disponibbli. Fejn kwotazzjoni jew kwotazzjonijiet ikunu neqsin għat-tielet ġimgħa konsekuttiva, il-Kummissjoni ma għandiex tibqa' tikkunsidra dik jew dawk il-kwotazzjonijiet.

3. L-Istati Membri għandhom, fuq talba tal-Kummissjoni, jikkomunikaw l-informazzjoni li ġejja, fejn disponibbli, dwar prodotti koperti minn Parti XVII tal-Anness I għar-Regolament (KE) Nru 1234/2007:

(a) prezzijiet tas-suq fl-Istati Membri għal prodotti importati minn pajjiżi terzi;

(b) prezzijiet attwali li jkunu japplikaw fis-swieq rappreżentattivi f'pajjiżi terzi.

KAPITOLU IV

IS-SETTUR TAL-LAĦAM TAN-NAGĦAĠ

Artikolu 28

Kriterji biex jiġu definiti l-karkassi tal-ħrief ħfief

1. Għall-finijiet tal-applikazzjoni tal-kriterji imsemmija fil-paragrafu 2 tal-punt C(III) tal-Anness V għar-Regolament (KE) Nru 1234/2007 ir-regoli stabbiliti fl-Anness VI għal dan ir-Regolament għandhom japplikaw.

2. Il-kulur tal-laħam, msemmi fl-Anness VI, għandu jiġi ddeterminat fuq il-ġenb fir-*rectus abdominis* b'referenza għal grafika tal-kuluri standardizzata.

Artikolu 29

Dispożizzjonijiet addizzjonali li jirrigwardaw il-klassi ta' konformazzjoni u kisja ta'xaħam, il-piż tal-karkassa u l-kulur tal-laħam

Dispożizzjonijiet addizzjonali li jispeċifikaw id-definizzjonijiet tal-klassijiet ta' konformazzjoni u kisja tax-xaħam imsemmija f'punt C(III) tal-Anness V għar-Regolament (KE) Nru 1234/2007 huma stipulati fl-Anness I għal dan ir-Regolament.

Artikolu 30

Klassifikazzjoni u identifikazzjoni

1. Il-klassifikazzjoni u l-identifikazzjoni imsemmija fil-punt C(III) u C(V) tal-Anness V għar-Regolament (KE) Nru 1234/2007 għandhom isiru fil-biċċerija stess.

2. Il-klassifikazzjoni, l-identifikazzjoni u l-użin ta' karkassa għandu jsir mhux iktar tard minn siegħa wara li l-annimal iddendel.

3. L-identifikazzjoni tal-karkassi jew tan-nofs karkassi kklassifikati skont l-iskala msemmija fit-tieni subparagrafu tal-Artikolu 42(1) tar-Regolament (KE) Nru1234/2007 fi stabbilimenti li qed jipparteċipaw għandha ssir permezz ta' marka li tindika l-kategorija u l-klassi tal-konformazzjoni u tal-kisja tax-xaħam.

[1] ĠU L 149, 21.6.1993, p. 1.

Dan l-immarkar għandu jsir permezz ta' ttimbrar, u għandha tintuża inka indelibbli u mhux tossika skont metodu approvat mill-awtoritajiet nazzjonali kompetenti.

Il-kategoriji għandhom jiġu magħżulin kif ġej:

(a) L: karkassi ta' nagħaġ ta' età inqas minn tnax-il xahar (ħaruf);

(b) S: karkassi ta' nagħaġ oħra.

4. L-Istati Membri jistgħu jawtorizzaw is-sostituzzjoni tal-immarkar b'tikketta li ma tinbidilx u li tkun mwaħħla sew.

Artikolu 31

Klassifikazzjoni minn klassifikaturi kwalifikati

L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-klassifikazjoni ssir minn klassifikaturi li huma kwalifikati biżżejjed. L-Istati Membri għandhom jiddeterminaw dawn il-persuni permezz ta' proċedura ta' ftehim jew billi jagħżlu korp responsabbli għal dan il-għan.

Artikolu 32

Kontrolli fil-post

1. Il-prestazzjoni tal-klassifikaturi msemmija fl-Artikolu 31 kif ukoll il-klassifikazzjoni u l-identifikazzjoni tal-karkassi fl-istabbilimenti li qed jipparteċipaw għandu jkun ikkontrollat fil-post mingħajr ma jsir avviż minn qabel mill-korp li huwa indipendenti mill-aġenziji tal-klassifikazzjoni u mill-istabbilimenti.

Madankollu, il-ħtieġa li jkunu indipendenti mill-aġenzija tal-klassifikazzjoni m' għandhiex tapplika meta l-awtorità kompetenti twettaq hija stess dawn il-kontrolli.

Fejn il-korp responsabbli mill-kontrolli ma jaqax taħt l-awtorità ta' korp pubbliku, il-kontrolli previsti fl-ewwel subparagrafu iridu jsiru tal-anqas darba fis-sena, taħt is-sorveljanza fiżika ta' korp pubbliku taħt l-istess kundizzjonijiet. Il-korp pubbliku għandu jiġi mgħarraf regolarment bis-sejbiet tal-korp responsabbli mill-kontrolli.

2. Il-kontrolli jridu jsiru tal-anqas darbtejn kull tliet xhur fl-istabbilimenti kollha li qed jipparteċipaw li joperaw klassifikazzjoni u joqtlu 80 nagħaġa jew iktar fil-ġimgħa bħala medja annwali. Kull kontroll għandu jirrelata ma' tal-anqas 40 karkassa, magħżulin b'mod aleatorju.

Madankollu, fi stabbilimenti li qed jipparteċipaw li joqtlu inqas minn 80 nagħaġa fil-ġimgħa bħala medja annwali, l-Istati Membri għandhom jiddeterminaw il-frekwenza tal-kontrolli u l-għadd minimu ta' karkassi li jridu jkunu kkontrollati fuq bażi ta' valutazzjoni tar-riskju, partikolarment billi tittieħed kunsiderazzjoni tal-għadd ta' qatliet ta' nagħaġ fil-biċċeriji kkonċernati u tas-sejbiet minn kontrolli li jkunu saru qabel f'dawn il-biċċeriji.

Artikolu 33

Il-prezz tas-suq li għandu jkun irreġistrat.

1. Il-prezz tas-suq li għandu jiġi stabbilit fuq il-bażi tal-Iskala Komunitarja għall-klassifikazzjoni ta' karkassi ta' annimali ovini msemmija fl-Artikolu 42(1) tar-Regolament (KE) Nru 1234/2007 għandu jkun il-prezz tad-dħul fil-biċċerija, nett mit-taxxa fuq valur miżjud imħallsa lill-fornitur tal-ħaruf ta' oriġini Komunitarja. Dan il-prezz għandu jiġi espress għal kull 100 kg ta' piż ta' karkassa ppreżentata skont il-preżentazjoni ta' referenza provduta fil-punt C(IV) tal-Anness V għar-Regolament (KE) Nru 1234/2007 ppeżat u kklassifikat fuq il-ganċ fil-biċċerija.

2. Il-piż li għandu jiġi ikkonsidrat huwa l-piż tal-karkassa meta tkun sħuna ikkoreġut sabiex jittieħed ukoll inkunsiderazzjoni it-tnaqqis fil-piż meta jiksaħ. L-Istati Membri għandhom jinformaw lill-Kummissjoni bil-fatturi korrettivi li ntużaw.

3. Fil-każ fejn il-preżentazzjoni ta' karkassi wara li jintiżnu u jkunu kklassifikati fuq il-ganċ ikun differenti mill-preżentazzjoni tar-referenza, l-Istati Membri għandhom jaġġustaw il-piż tal-karkassa bl-applikazzjoni ta' fatturi korrettivi provduti fit-tieni subparagrafu tal-Punt C(IV) tal-Anness V għar-Regolament (KE) Nru 1234/2007. L-Istati Membri għandhom jinformaw lill-Kummissjoni bil-fatturi korrettivi wżati.

Artikolu 34

Rapportar tal-prezzijiet ta' kull ġimgħa lill-Kummissjoni

1. L-Istati Membri li l-produzzjoni tal-laħam tan-nagħaġ tagħhom taqbeż il-200 tunnellata fis-sena għandhom jibagħtu lill-Kummissjoni l-lista kunfidenzjali tal-biċċeriji u/jew stabbilimenti oħra li jipparteċipaw fl-iffissar tal-prezzijiet skont l-iskala Komunitarja (minn hawn il-quddiem msejħa "stabbiliment li qed jipparteċipa") flimkien ma' indikazzjoni tal-ammont approssimattiv ta' materjal li jiġi pproċessat kull sena minn dawn l-istabbilimenti li qed jipparteċipaw.

2. F'konformità mal-Artikolu 36, l-Istati Membri msemmija fil-paragrafu 1 għandhom jikkomunikaw lill-Kummissjoni l-prezz medju ta' kull kwalità ta' ħaruf fl-iskali Komunitarji għall-istabbilimenti li qed jipparteċipaw kollha, flimkien ma' indikazzjoni tad-daqs ta' kull kwalità. Madankollu, jekk kwalità tkun inqas minn 1 % tat-total, il-prezzijiet ma għandhomx għalfejn jiġu rrapportati. L-Istati Membri għandhom jibagħtu wkoll lill-Kummissjoni l-prezz medju fuq bażi ta' piż għall-ħaruf kklassifikat kollu f'kull skala wżata għall-finijiet ta' rapportar ta' prezzjiet.

Madankollu, l-Istati Membri huma awtorizzati li jissuddividu l-prezz irrapportat għal kull waħda mill-klassijiet ta' konformazzjoni u l-gradi tal-kisja tax-xaħam provduti fil-paragrafu 1 tal-punt C(III) tal-Anness V għar-Regolament (KE) Nru 1234/2007 fuq il-bażi ta' piż. It-terminu "kwalità" għandu jfisser il-kumbinazzjoni ta' klassi ta' konformazzjoni u tal-kisja tax-xaħam.

Artikolu 35

Prezzijiet medji Komunitarji

Għall-kalkolu tal-prezzijiet medji Komunitarji ta' karkassi tal-ħaruf, il-prezzijiet imsemmija fl-Artikolu 34(2) għandhom jkunu ppeżati bl-użu ta' koeffiċjenti li jesprimu id-daqs relattiv tal-produzzjoni tal-laħam tan-nagħaġ ta' kull Stat Membru mat-total tal-produzzjoni tal-laħam tan-nagħaġ fil-Komunità.

KAPITOLU V

DISPOŻIZZJONIJIET KOMUNI U FINALI

Artikolu 36

Ir-rapportar tal-prezzijiet ta' kull ġimgħa lill-Kummissjoni

1. Sa mhux iktar tard minn 12.00 ħin ta' Brussell, nhar ta' Erbgħa ta' kull ġimgħa, l-Istati Membri għandhom jikkomunikaw lill-Kummissjoni l-prezzijiet tas-suq jew kwotazzjoniniet imsemmija fl-Artikoli 17(1), u 27(1) u 34(2) ta' dan ir-Regolament.

Il-prezzijiet jew kwotazzjonijiet għandhom jirrelataw mal-perjodu mit-Tnejn sal-Ħadd tal-ġimgħa ta' qabel dik li fiha tiġi kkomunikata l-informazzjoni.

Il-prezzijiet jew kwotazzjonijiet irrapportati għandhom jiġu espressi f'euro jew, fejn japplika, fil-munita nazzjonali.

2. Il-komunikazzjonijiet imsemmija fil-paragrafu 1 għandhom isiru permezz ta' mezzi elettroniċi billi tintuża l-formola li l-Kummissjoni għamlet disponibbli għall-Istati Membri.

Artikolu 37

Reviżjoni perjodika tal-koeffiċjenti tad-differenzazzjoni

1. Il-koeffiċjenti tad-differenzazzjoni msemmija fl-Artikoli 18, 26(3) u 35 ta' dan ir-Regolament għandhom jiġu riveduti perjodikament biex jittieħdu inkunsiderazzjoni tendenzi rreġistrati fuq livelli nazzjonali u Komunitarji.

2. Għal kull reviżjoni imsemmija fil-paragrafu 1, il-Kummissjoni għandha tikkomunika lill-Istati Membri il-koeffiċjenti tal-peżar riveduti.

Artikolu 38

Kumitat ta' spezzjoni Komunitarju

1. L-ispezzjoni Komunitarja msemmija fl-Artikolu 42(2) tar-Regolament (KE) Nru 1234/2007 minn issa 'l quddiem msejjaħ "il-Kumitat" għandu jkun responsabbli biex iwettaq kontrolli fil-post, li jkopru:

(a) l-applikazzjoni tal-arranġamenti relatati mal-iskala ta' klassifikazzjoni Komunitarja għall-karkassi taċ-ċanga u tan-nagħaġ;

(b) ir-reġistrazzjoni ta' prezzijiet tas-suq skont dawk l-iskali ta' klassifikazzjoni;

(ċ) il-klassifikazzjoni, l-identifikazzjoni u l-immarkar ta' prodotti fil-qafas tax-xiri taħt intervent pubbliku fis-settur taċ-ċanga u tal-vitella provduti fil-punt(e) tal-Artikolu 6(1) tar-Regolament (KE) Nru 1234/2007.

2. Il-Kumitat għandu jkun magħmul minn massimu ta':

(a) tliet esperti tal-Kummissjoni, li wieħed minnhom għandu jaġixxi bħala president tal-Kumitat;

(b) espert mill-Istat Membru kkonċernat;

(ċ) tmien esperti mill-Istati Membri l-oħra.

L-Istati Membri għandhom jappuntaw esperti fuq il-bażi tal-indipendenza u l-abbiltà tagħhom, partikolarment fi kwistjonijiet ta' klassifikazzjoni ta' karkassi u reġistrar ta' prezzijiet tas-suq u tan-natura speċifika tax-xogħol li għandu jsir.

L-esperti ma jistgħu fl-ebda ċirkustanza jużaw għal skopijiet personali jew jikxfu informazzjoni li jkunu kisbu u li tkun marbuta max-xogħol tal-Kumitat.

3. Spezzjonijiet fil-post għandhom isiru f'biċċeriji, fi swieq tal-laħam, f'ċentri ta' intervent, ċentri ta' kwotazzjoni ta' prezzijiet u servizzi reġjonali u ċentrali involuti fl-implimentazzjoni tad-dispożizzjonijiet msemmija fil-paragrafu 1.

4. Spezzjonijiet għandhom isiru regolarment fl-Istati Membri u l-frekwenza tagħhom tista' tvarja partikolarment skont il-volum relattiv tal-produzzjoni tal-laħam taċ-ċanga u tan-nagħaġ fl-Istati Membri li tkun saritilhom żjara jew skont problemi marbuta mal-iskali ta' klassifikazzjoni.

Il-programm ta' żjarat ta' spezzjoni għandu jitħejja mill-Kummissjoni wara li tikkonsulta lill-Istati Membri. Ir-rappreżentanti tal-Istat Membru fejn issir iż-żjara jistgħu jieħdu sehem fl-ispezzjonijiet.

Kull Stat Membru għandu jorganizza ż-żjariet li għandhom isiru fit-territorju tiegħu skont il-ħtiġijiet definiti mill-Kummissjoni. Għal dan il-għan, l-Istat Membru għandu jibgħat, 30 ġurnata qabel iż-żjara, programm dettaljat taż-żjarat ta' spezzjoni proposti lill-Kummissjoni, li tista' titlob emendi fil-programm.

Il-Kummissjoni għandha tinforma lill-Istati Membri kemm jista' jkun possibli minn qabel dwar kull żjara tal-programm u l-andament tiegħu.

5. Meta titlesta kull żjara, il-membri tal-Kumitat u r-rappreżentanti tal-Istati Membri fejn tkun saret iż-żjara għandhom jiltaqgħu biex jikkunsidraw ir-risultati. Il-membri tal-Kumitat għandhom imbagħad jiġbdu konklużjonijiet miż-żjara li jikkonċernaw il-punti msemmija fil-paragrafu 1.

Il-president tal-Kumitat għandu jagħmel rapport dwar l-ispezzjonijiet li saru u li fihom il-konklużjonijiet imsemmija fl-ewwel subparagrafu. Ir-rapport għandu jintbagħat kemm jista' jkun malajr lill-Istat Membru spezzjonat u wara lill-Istati Membri l-oħra.

Meta r-rapport imsemmi fit-tieni subparagrafu juri nuqqasijiet fil-kampijiet varji ta' attività li kienu suġġetti għal verifika, jew jagħmel rakkomandazzjonijiet bil-ħsieb li jittejjeb l-operat, l-Istati Membri għandhom jinfurmaw lill-Kummissjoni bil-bidliet kollha previsti jew li ġraw mhux aktar tard minn tliet xhur wara d-data li fih ġie trażmess ir-rapport.

6. L-ispejjeż tal-ivvjaġġar u tal-għixien tal-membri tal-Grupp għandhom jitħallsu mill-Kummissjoni f'konformità mar-regoli applikabbli għar-rimborż ta' spejjeż tal-ivvjaġġar u tal-għixien ta' persuni li ma għandhomx konnessjoni mal-Kummissjoni li jissejħu minnha sabiex jagħixxu ta' esperti.

Artikolu 39

Miżuri li għandhom jittieħdu mill-Istati Membri

1. L-Istati Membri għandhom jieħdu l-miżuri kollha meħtieġa

(a) biex jiżguraw li d-dispożizzjonijiet ta' dan ir-Regolament jiġu applikati;

(b) Biex jiżguraw il-preċiżjoni tal-prezzijiet irrapportati f'konformità mal-Artikoli 17(1), 27(1) u 34(2) ta' dan ir-Regolament;

(ċ) Li jippenalizzaw kull infrazzjoni bħal pereżempju, b'mod partikolari, falsifikazzjoni jew frodi fl-użu ta' timbri u tikketti jew klassifikazzjoni magħmula minn persunal li ma għandux liċenzja.

2. L-Istati Membri għandhom jinformaw il-Kummissjoni bil-miżuri imsemmija fil-paragrafu 1 kemm jista' jkun malajr.

Artikolu 40

Ir-Regolamenti (KEE) Nru 563/82, (KEE) Nru 2967/85, (KEE) Nru 344/91, (KE) Nru 295/96, (KE) Nru 103/2006, (KE) Nru 1128/2006, (KE) Nru 908/2006, (KE) Nru 1319/2006 (KE) Nru 710/2008, (KE) Nru 22/2008 u d-Deċiżjoni 83/471/KEE huma b'dan irrevokati.

Ir-referenzi għar-Regolamenti mħassra u d-Deċiżjoni għandhom jitqiesu bħala referenzi għal dan ir-Regolament u għandhom jinqraw f'konformità mat-tabella ta' korrelazzjoni fl-Anness VIII.

Artikolu 41

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fis-seba' jum wara l-publikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali ta' l-Unjoni Ewropea*.

Għandu japplika mill-1 ta' Jannar 2009.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, 10 ta' Diċembru 2008.

Għall-Kummissjoni

Mariann FISCHER BOEL

Membru tal-Kummissjoni

ANNESS I

Dispożizzjonijiet addizzjonali dwar il-klassijiet ta' konformazzjoni u tal-kisja tax-xaħam ta' karkassi ta'annimali bovini adulti msemmija fl-Artikolu 3

1. **KONFORMAZZJONI**

Żvilupp ta' profili ta' karkassi, u b'mod partikolari l-partijiet essenzjali (il-qatgħa t-tonda, id-dahar, l-ispalla)

Klassi ta' konformazzjoni	Dispożizzjonijiet addizzjonali		
S Superjuri	Il-qatgħa t-tonda:	Ittondjata ħafna b'muskolatura doppja u bi ħjut viżibilment separati	In-naħa l-għolja tal-koxxa tinfirex b'mod immarkat ħafna fuq is-simfisi (*symphysis pelvis*)
	Dahar:	wiesa' u oħxon ħafna, sal-ispalla	Wirk ittondjat ħafna
	Spalla:	ittondjata ħafna	
E Eċċellenti	Il-qatgħa t-tonda:	ittondjata ħafna	In-naħa l-għolja tal-koxxa tinfirex b'mod immarkat tul is-simfisi (*symphysis pelvis*)
	Dahar:	wiesa' u oħxon ħafna, sal-ispalla	Wirk ittondjat ħafna
	Spalla:	ittondjata ħafna	
U Tajba ħafna	Il-qatgħa t-tonda:	ittondjata	In-naħa l-għolja tal-koxxa tinfirex is-simfisi (*symphysis pelvis*)
	Dahar:	wiesa' u oħxon ħafna, sal-ispalla	Wirk ittondjat ħafna
	Spalla:	ittondjata	
R Tajba	Il-qatgħa t-tonda:	żviluppata sew	In-naħa l-għolja tal-koxxa tkun xi ftit ittondjata
	Dahar:	wiesa' u oħxon ħafna, sal-ispalla	
	Spalla:	relattivament żviluppat sew	
O Mhux ħażina	Il-qatgħa t-tonda:	żvilupp medju jxaqleb lejn nuqqas ta' żvilupp	
	Dahar:	ħxuna medja xxaqleb lejn nuqqas ta' ħxuna	Wirk ittondjat ħafna Profil dritt
	Spalla:	żvilupp medju xxaqleb lejn kważi ċatta	
P Fqira	Il-qatgħa t-tonda:	ftit li xejn żviluppata	
	Dahar:	dejjaq bl-għadam jidher	
	Spalla:	ċatta bl-għadam jidher	

2. **GRAD TAL-KISJA TAX-XAĦAM**

Ammont tax-xaħam fuq barra tal-karkassa u fil-kavità toraċika

Klassi tal-kisja tax-xaħam	Dispożizzjonijiet addizzjonali
1 Baxxa	Mingħajr xaħam fil-kavità toraċika
2 Ftit	Fil-kavità toraċika l-muskolu jidher b'mod ċar bejn il-kustilji
3 Medja	Fil-kavità toraċika l-muskolu ikun għadu jidher bejn il-kustilji
4 Għolja	Il-ħjut tax-xaħam fuq il-qatgħa t-tonda huma prominenti. Fil-kavità toraċika l-muskolu bejn il-kustilji jista' jkun infiltrat bix-xaħam
5 għolja ħafna	Il-qatgħa t-tonda hija kompletament miksija bix-xaħam, li l-ħjut tax-xaħam mhumiex iktar viżibbli b'mod ċar. Fil-kavità toraċika l-muskolu bejn il-kustilji jkun infiltrat bix-xaħam

ANNESS II

AWTORIZZAZZJONI TA' TEKNIKI TA' GRADAZZJONI AWTOMATIZZATI KIF IMSEMMIJA FL-ARTIKOLU 9(1)

PARTI A

Kundizzjonijiet u rekwiżiti minimi għall-awtorizzazzjoni

1. L-Istat Membru kkonċernat għandu jorganizza test ta' ċertifikazzjoni għal ġurija komposta minn tal-anqas ħames esperti liċenzjati fil-klassifikazzjoni tal-karkassi ta' annimali bovini adulti. Żewġ membri tal-ġurija għandhom jiġu mill-Istat Membru li qiegħed jagħmel i-test. Kull wieħed mill-membri l-oħra tal-ġurija għandhom jiġu minn Stat Membru ieħor. Il-ġurija għandha tkun komposta minn numru bil-fart ta' esperti. Is-servizzi tal-Kummissjoni u l-esperti tal-Istati Membri l-oħra jistgħu jattendu għat-test ta' ċertifikazzjoni bħala osservaturi.

   Il-membri tal-ġurija għandhom jaħdmu b'mod indipendenti u anonimu.

   L-Istat Membru kkonċernat għandu jinnomina koordinatur tat-test ta' ċertifikazzjoni li għandu:

   — ma jkunx parti mill-ġurija,

   — jkollu tagħrif tekniku sodisfaċenti u jkun indipendenti għal kollox,

   — jissorvelja l-funzjonament indipendenti u anonimu tal-membri tal-ġurija,

   — jiġbor ir-riżultati tal-klassifikazzjoni tal-membri tal-ġurija u dawk miksuba bl-użu ta' tekniki ta' gradazzjoni awtomatizzati,

   — jiżgura li, matul iż-żmien kollu ta' ċertifikazzjoni, r-riżultati tal-klassifikazzjoni miksuba bl-użu ta' tekniki ta' gradazzjoni awtomatizzati ma jkunux disponibbli għall-membri tal-ġurija u viċeversa u lanqas għad-dispożizzjoni ta' xi parti oħra interessata,

   — jivvalida l-klassifikazzjonijiet għal kull karkassa u jistà jiddeċiedi, għal raġunijiet oġġettivi li għandhom ikunu speċifikati, li jwarrab karkassi mill-kampjun li ser jintuża għall-analiżi.

2. Għat-test ta' ċertifikazzjoni:

   — kull klassi ta' konformazzjoni u tal-kisja tax-xaħam għandha tkun suddiviża fi tliet subklassijiet;

   — kampjun ta' tal-anqas 600 karkassa vvalidata huwa meħtieġ;

   — il-perċentwal ta' falliment ma għandux ikun ta' iktar minn 5 % tal-karkassi li huma tajbin għall-klassifikazzjoni bl-użu ta' tekniki ta' gradazzjoni awtomatizzati.

3. Għal kull karkassa vvalidata, il-medjan tar-riżultati tal-membri tal-ġurija għandu jkun ikkunsidrat bħala l-grad korrett ta' dik il-karkassa.

   Għal stima tal-prestazzjoni tat-tekniki ta' gradazzjoni awtomatizzati, r-riżultati tal-magna awtomatika ta' klassifikazzjoni għandhom, għal kull karkassa ivvalidata, jkunu mqabbla mal-medjan tar-riżultati tal-ġurija. Il-preċiżjoni tat-tekniki ta' gradazzjoni awtomatizzati li tirriżulta, tkun stabbilita bl-użu ta' sistema ta' punti u limiti li huma attribwiti kif ġej:

	konformazzjoni	Kisja tax-xaħam
Mingħajr żbal	10	10
Żball ta' unità waħda (i.e. subklassi waħda 'l fuq jew 'l isfel)	6	9
Żball ta' żewġ unitajiet (i.e. żewġ subklassijiet 'il fuq jew 'l isfel)	– 9	0
Żball ta' tliet unitajiet (i.e. tliet subklassijiet 'il fuq jew 'l isfel)	– 27	– 13
Żball ta' iktar minn tliet unitajiet (i.e.iktar minn tliet subklassijiet 'il fuq jew 'l isfel)	– 48	– 30

   Bil-ħsieb tal-awtorizzazzjoni, tat-tekniki ta' gradazzjoni awtomatizzati għandhom jilħqu tal-anqas 60 % tal-għadd massimu ta' punti kemm għal konformazzjoni u kemm għall-kisja tax-xaħam.

Barra minn hekk, il-klassifikazzjoni bl-użu ta' tekniki ta' gradazzjoni awtomatizzati jridu jkunu fil-limiti li ġejjin:

	konformazzjoni	Kisja tax-xaħam
Preġudizzju (bias)	± 0,30	± 0,60
Inklinazzjoni tal-linja ta' rigressjoni	1 ± 0,15	1 ± 0,30

PARTI B

Informazzjoni li għandha tkun ipprovduta mill-Istati Membri dwar l-organizzazzjoni tat-test ta' ċertifikazzjoni

— id-dati li fihom għandu jsir it-test ta' ċertifikazzjoni,

— deskrizzjoni dettaljata tal-karkassi ta' annimali bovini adulti klassifikati fl-Istat Membru kkonċernat jew f'parti minnu,

— il-metodi ta' statistika wżati għall-għażla tal-kampjun tal-karkassi li għandu jkun rappreżentattiv, skond il-kategorija, il-klassijiet tal-konformazzjoni u tal-kisja tax-xaħam, tal-annimali bovini adulti maqtulin fl-Istat Membru kkonċernat jew f'parti minnu,

— l-isem u l-indirizz tal-biċċerija (jew biċċeriji) fejn għandu jsir it-test ta' ċertifikazzjoni, spjegazzjoni tal-organizzazzjoni u l-prestazzjoni tal-linja (jew linji) tal-ipproċessar, inkluża l-veloċità kull siegħa,

— il-preżentazzjoni (jew preżentazzjonijiet) tal-karkassi li għandhom jintużaw matul it-test ta' ċertifikazzjioni,

— deskrizzjoni tal-magna ta' gradazzjoni awtomatizzata u l-funzjonijiet tekniċi tagħha, partikolarment il-kunċett tas-sigurtà tal-magna kontra kull tip ta' manipulazzjoni,

— l-esperti liċenzjati nominati mill-Istat Membru kkonċernat biex jieħdu sehem fit-test ta' ċertifikazzjoni bħala membri tal-ġurija,

— il-koordinatur tal-test ta' ċertifikazzjoni, b'xhieda tal-għarfien tekniku sodisfaċenti tiegħu u indipendenza sħiħa,

— l-isem u l-indirizz tal-korp indipendenti magħżul mill-Istat Membru kkonċernat li għandu janaliżża r-riżultati tat-test ta' ċertifikazzjoni.

PARTI C

Informazzjoni li għandha tkun ipprovduta mill-Istati Membri dwar ir-riżultati tat-test ta' ċertifikazzjoni

— kopja tal-folji tal-klassifikazzjoni kompluti u ffirmati mill-membri tal-ġurija u mill-koordinatur matul it-test ta' ċertifikazzjoni,

— kopja tar-riżultati tal-klassifikazzjoni miksuba bl-użu ta' tekniki ta' gradazzjoni awtomatizzati ffirmati mill-koordinatur matul it-test ta' ċertifikazzjoni,

— rapport tal-koordinatur dwar l-organizzazzjoni tat-test ta' ċertifikazzjoni skond il-kundizzjonijiet u l-ħtiġijiet minimi stipulati f'Parti B ta' dan l-Anness,

— analiżi kwantitattiva, skond metodoloġija li għandha taqbel fuqha il-Kummissjoni, tar-riżultati tat-test ta' ċertifikazzjoni li tindika r-riżultati tal-klassifikazzjoni ta' kull klassifikatur espert u dawk miksuba bl-użu ta' tekniki ta' gradazzjoni awtomatizzati. Id-dejta wżata għall-analiżi għandha tingħata f'format elettroniku li għandha taqbel fuqha l-Kummissjoni,

— il-preċiżjoni tat-tekniki ta' gradazzjoni awtomatizzati stabbilita f'konformità mad-dispożizzjonijiet f' Parti A, il-punt(3) ta' dan l-Anness.

ANNESS III

Fatturi korrettivi imsemmija fl-Artikolu 13(5) espress bħala perċentwali tal-piż tal-karkassa

Perċentwali	Tnaqqis			Żieda				
Klassijiet tax-xaħam	1-2	3	4-5	1	2	3	4	5
Kliewi	− 0,4							
Xaħam tal-kliewi	− 1,75	− 2,5	− 3,5					
Xaħam pelviku	− 0,5							
Fwied	− 2,5							
Falda rqiqa	− 0,4							
Falda ħoxna	− 0,4							
Denb	− 0,4							
Sinsla	− 0,05							
Xaħam mammarju	− 1,0							
Testikoli	− 0,3							
Xaħam tal-iskrotu	− 0,5							
Xaħam man-naħa ta' ġewwa tan-naħa l-għolja tal-koxxa.	− 0,3							
Il-vina ġugulari u x-xaħam ta' magħha	− 0,3							
Tneħħija tax-xaħam estern				0	0	+ 2	+ 3	+ 4
Tneħħija tax-xaħam tas-sidra biex titħalla kisja tax-xaħam (it-tessuti muskulari ma għandhomx ikunu mikxufa)				0	+ 0,2	+ 0,2	+ 0,3	+ 0,4
Tneħħija tax-xaħam tal-ġenba li jmiss max-xaħam tal-iskrotu				0	+ 0,3	+ 0,4	+ 0,5	+ 0,6

ANNESS IV

Kontenut tad-dgħif imsemmi fl-Artikolu 23(2)

1. It-tbassir tal-perċentwal tad-dgħif ikun ibbażat fuq id-dissezzjoni li tkun saret f'konformità mal-metodu ta' referenza.

2. Meta ssir dissezzjoni parzjali, it-tbassir tal-perċentwal tad-dgħif ikun ibbażat fuq id-dissezzjoni tal-erba' qatgħat maġġuri (l-ispalla, il-flett, il-koxxa u ż-żaqq). Il-perċentwal ta' referenza għad-dgħif għandu jiġi kkalkulat kif ġej:

$$Y = 0{,}89 \times 100 \quad \frac{\text{il-piż tal-flett tari + il-piż tad-dgħif fl-ispalla, fil-flett, fil-koxxa u fiż-żaqq}}{\text{il-piż tal-flett tari + il-piż tal-qatgħat dissezzjonati}}$$

Il-piż tad-dgħif f'dawk l-erba' qatgħat maġġuri (l-ispalla, il-flett, il-koxxa u ż-żaqq) se jiġi kkalkulat billi jitnaqqas it-total tal-elementi tal-erba' qatgħat li m'humiex dgħif mill-piż totali tal-qatgħat qabel id-dissezzjoni.

3. Meta ssir dissezzjoni totali, il-perċentwal ta' referenza għad-dgħif jiġi kkalkulat kif ġej:

$$Y = 100 \times \frac{\text{il-piż tad-dgħif}}{\text{il-piż tal-karkassa}}$$

Il-piż tad-dgħif jiġi kkalkulat billi jitnaqqas it-total tal-elementi li ma jkunux dgħif mill-piż totali tal-karkassa qabel id-dissezzjoni. Ir-ras, ħlief għall-ħadd, ma tkunx dissezzjonata.

ANNESS V

Protokoll ta' metodi ta' gradazzjoni ta'karkassi ta' majjali imsemmija fl-Artikolu 23(4)

1. L-ewwel parti tal-protokoll għandha tagħti deskrizzjoni dettaljata tal-prova tad-dissezzjoni u tinkludi b'mod partikolari:

   — il-perjodu tal-prova u l-iskeda tal-ħin għall-proċedura sħiħa tal-awtorizzazzjoni;

   — l-għadd u l-post tal-biċċeriji;

   — id-deskrizzjoni tal-popolazzjoni tal-majjali kkonċernati permezz tal-metodu ta' valutazzjoni;

   — l-indikazzjoni tal-metodu ta' dissezzjoni magħżul (totali jew parzjali);

   — meta jsir użu ta' appartat tomografiku bil-kompjuter kif isemmi fit-tielet subparagrafu tal-Artikolu 23(3), deskrizzjoni tal-proċedura;

   — preżentazzjoni tal-metodi statistiċi wżati relatati mal-metodu tat-teħid tal-kampjun magħżul;

   — id-deskrizzjoni tal-metodu nazzjonali mgħaġġel;

   — il-preżentazzjoni eżatta tal-karkassi li se jintużaw.

2. It-tieni parti tal-protokoll għandha tagħti deskrizzjoni dettaljata tar-riżultati tal-prova tad-dissezzjoni u tinkludi b'mod partikulari:

   — preżentazzjoni tal-metodi statistiċi wżati relatati mal-metodu tat-teħid tal-kampjun magħżul;

   — l-ekwazzjoni li għandha se tkun introdotta jew emendata;

   — deskrizzjoni numerika u grafika tar-riżultati;

   — deskrizzjoni tal-apparat il-ġdid,

   — il-limitu tal-piż tal-majjali li għalihom il-metodu l-ġdid jista' jintuża u kull limitazzjoni oħra relatata mal-użu prattiku tal-metodu.

ANNESS VI

Skala ta' klassifikazzjoni tal-karkassi tal-ħrief ta' piż ta' karkassa inqas minn 13-il kilo Imsemmi fl-Artikolu 28

Kategorija	A		B		C	
Piż	7 kg		7.1 - 10 kg		10.1 - 13 kg	
Kwalità	1el	2ni	1el	2ni	1el	2ni
Kulur il-laħam	roża ċar fid-deher	kulur ieħor jew livell ieħor ta' xaħam	roża ċar fid-deher jew roża	kulur ieħor jew livell ieħor ta' xaħam	roża ċar fid-deher jew roża	kulur ieħor jew livell ieħor ta' xaħam
Klassi ta' kisja tax-xaħam (*)	(2) (3)		(2) (3)		(2) (3)	

(*) Kif definit fil-paragrafu 1 tal-punt C(III) tal-Anness V għar-Regolament (KE) Nru 1234/2007

ANNESS VII

Dispożizzjonijiet addizzjonali dwar il-klassijiet ta' konformazzjoni u tal-kisja tax-xaħam ta' karkassi tan-nagħaġ imsemmija fl-Artikolu 29

1. KONFORMAZZJONI

Żvilupp tal-profili tal-karkassi, partikolarment il-partijiet essenzjali (il-kwarti tal-koxxa, id-dahar, l-ispalla).

Klassi ta' konformazzjoni	Dispożizzjonijiet addizzjonali
S Superjuri	Il-Koxxa ta' wara: b'muskolatura doppja. Profili konvessi ħafna Dahar: konvess ħafna, wiesa' ħafna u oħxon ħafna Spalla: konvessa ħafna, wiegħsa ħafna u ħoxna ħafna
E Eċċellenti	Il-Koxxa ta' wara: ħoxna ħafna Profili konvessi ħafna Dahar: konvess ħafna, wiesa' ħafna u oħxon ħafna, sal-ispalla Spalla: konvessa ħafna, wiegħsa ħafna u ħoxna ħafna
U Tajba ħafna	Il-Koxxa ta' wara: ħoxna. Profili konvessi ħafna Dahar: wiesa' u oħxon ħafna, sal-ispalla Spalla: ħoxna u konvessa
R Tajba	Il-Koxxa ta' wara: profili aktarx dritti Dahar: oħxon imma inqas wiesa' lejn l-ispalla Spalla: żviluppata tajjeb, imma inqas ħoxna
O Mhux ħażina	Il-Koxxa ta' wara: Profili aktarx xi ftit konkavi Dahar: bin-nieqes fil-wisa' u l-ħxuna Spalla: aktarx dejqa Bin-nieqes fil-ħxuna
P Fqira	Il-Koxxa ta' wara: Profili konkavi għal konkavi ħafna Dahar: dejjaq bl-għadam jidher Spalla: dejqa, ċatta u bl-għadam jidher

2. GRAD TAL-KISJA TAX-XAĦAM

Ammont ta' xaħam fuq il-parti esterna u dik interna tal-karkassa.

Klassi tal-kisja tax-xaħam	Dispożizzjonijiet addizzjonali [1]		
1. Baxxa	Estern	Traċċi ta' jew l-ebda xaħam viżibbli	
	Intern	Addominali	Traċċi ta' jew bl-ebda xaħam jidher fuq il-kliewi
		Toraċiku	Traċċi ta' jew bl-ebda xaħam jidher bejn il-kustilji
2. Ftit	Estern	Saff irqiq ta' xaħam jiksi parti mill-karkassa imma jista' jkun inqas evidenti fuq is-saqajn	
	Intern	Addominali	Traċċi ta' xaħam jew saff irqiq ta' xaħam mkebbeb madwar parti mill-kliewi
		Toraċiku	Il-mukolu viżibbli sew minn bejn il-kustilji

Klassi tal-kisja tax-xaħam	Dispożizzjonijiet addizzjonali (1)		
3. Medja	Estern	Saff ħafif ta' kisja ta' xaħam fuq il-karkassa kollha jew kwazi kollha. Żoni ta' xaħam ftit imħaxxna fuq il-bazi td-denb	
	Intern	Addominali	Saff ħafif ta' xaħam imkebbeb madwar parti mill-kliewi
		Toraċiku	Il-muskolu għadu jidher minn bejn il-kustilji
4. Għolja	Estern	Saff oħxon ta' xaħam jiksi parti kbira mill-karkassa kollha imma jista' jkun irqaq fuq is-saqajn u mħaxxen fuq l-ispallejn	
	Intern	Addominali	Il-kilwa mkebba fix-xaħam
		Toraċiku	Il-muskolu ta' bejn il-kustilji jista' jkun infiltrat bix-xaħam. Depożiti ta' xaħam jistgħu jkunu viżibbli fuq il-kustilji
5. Għolja ħafna	Estern	Kisja ta' xaħam ħoxna ħafna Rqajja' ta' xaħam xi drabi jidhru	
	Intern	Addominali	Il-kliewi imkebbin f'saff oħxon ta' xaħam
		Toraċiku	Il-muskolu ta' bejn il-kustilji infiltrat bix-xaħam. Depożiti ta' xaħam jidhru fuq il-kustilji

(1) Id-dispożizzjonijiet addizzjonali għall-kavità addominali ma japplikawx għall-finijiet tal-Anness VI ta' dan ir-Regolament.

ANNESS VIII

It-tabella ta' korrelazzjoni msemmija fl-Artikolu 40

1. REGOLAMENT (KEE) Nru 563/82

Regolament (KEE) Nru 563/82	Dan ir-Regolament
L-Artikolu 1(1)	L-Artikolu 13(1)
L-Artikolu 1(2)	L-Artikolu 13(2)
L-Artikolu 1(3)	L-Artikolu 13(5), l-ewwel subparagrafu
L-Artikolu 1(4)	L-Artikolu 13(5), it-tieni subparagrafu
L-Artikolu 2	L-L-Artikolu 2(3) u (4)
L-Artikolu 3	L-Artikolu 13(4)
L-Artikolu 4	L-Artikolu 41

2. REGOLAMENT (KEE) Nru 2967/85

Regolament (KEE) Nru 2967/85	Dan ir-Regolament
L-Artikolu 1	L-Artikolu 1
L-Artikolu 2(1)	L-Artikolu 22(2), l-ewwel u t-tieni subparagrafu
L-Artikolu 2(2)	L-Artikolu 22(2), it-tielet subparagrafu
L-Artikolu 2(3)	L-Artikolu 22(3)
L-Artikolu 3	L-Artikolu 23(2) sa (5)
L-Artikolu 4(1)	L-Artikolu 21(3), l-ewwel u t-tieni subparagrafu
L-Artikolu 4(2)	L-Artikolu 21(3), ir-raba' subparagrafu
L-Artikolu 4(3)	L-Artikolu 21(3), il-ħames subparagrafu
L-Artikolu 5	L-Artikolu 21(4), inċiż (a)
L-Artikolu 6	L-Artikolu 39
L-Artikolu 7	L-Artikolu 41

3. REGOLAMENT (KEE) Nru 344/91

Regolament (KEE) Nru 344/91	Dan ir-Regolament
L-Artikolu 1(1)	L-Artikolu 6(3)
L-Artikolu 1(2)	L-Artikolu 6(4)
L-Artikolu 1(2a)	L-Artikolu 6(2)
L-Artikolu 1(3)	L-Artikolu 6(5)
L-Artikolu 1(4)	L-Artikolu 6(6)
L-Artikolu 1(5)	L-Artikolu 7(2), il-frażi tal-introduzzjoni u l-inċiż (a)
L-Artikolu 2(1)	—
L-Artikolu 2(2), il-frażi tal-introduzzjoni u l-ewwel inċiż	L-Artikolu 5
L-Artikolu 2(2), it-tieni inċiż	—
L-Artikolu 2(3)	L-Artikolu 6(7)
L-Artikolu 3(1), l-ewwel subparagrafu	L-Artikolu 8
L-Artikolu 3(1), it-tieni subparagrafu	—
L-Artikolu 3(1a), mill-ewwel sat-tielet subparagrafu	L-Artikolu 9(1)
L-Artikolu 3(1a), ir-raba' subparagrafu	L-Artikolu 9(3), inċiż (a)
L-Artikolu 3(1b)	L-Artikolu 9(2)
L-Artikolu 3(1c)	L-Artikolu 9(4)

Regolament (KEE) Nru 344/91	Dan ir-Regolament
L-Artikolu 3(2), l-ewwel subparagrafu	L-Artikolu 11(1)
L-Artikolu 3(2), it-tieni subparagrafu	L-Artikolu 11(2)
L-Artikolu 3(2), it-tielet subparagrafu	L-Artikolu 11(3)
+ L-Artikolu 3(2), ir-raba' subparagrafu	L-Artikolu 11(4)
L-Artikolu 3(2), il-ħames subparagrafu	L-Artikolu 12(2)
L-Artikolu 3(2), is-sitt subparagrafu	L-Artikolu 12(1)
L-Artikolu 3(3)	L-Artikolu 39(2)
L-Artikolu 4	L-Artikolu 41
L-Anness I	L-Anness II, Parti A
L-Anness II	L-Anness II, il-Partijiet B u C

4. REGOLAMENT (KE) Nru 295/96

Regolament (KE) Nru 295/96	Dan ir-Regolament
L-Artikolu 1	L-Artikolu 14
L-Artikolu 2(1)	L-Artikolu 15(1)
L-Artikolu 2(2)	—
L-Artikolu 2(3)	L-Artikolu 15(2)
L-Artikolu 3(1)	L-Artikolu 16(1)
L-Artikolu 3(2)	L-Artikolu 16(2)
L-Artikolu 3(3)	L-Artikolu 16(3)
L-Artikolu 3(4)(a)	L-Artikolu 16(4), l-ewwel subparagrafu
L-L-Artikolu 3(4)(b)	L-Artikolu 16(4), it-tieni subparagrafu
L-Artikolu 3(4)(c)	L-Artikolu 16(5)
L-L-Artikolu 3(4)(d)	L-Artikolu 16(6)
L-Artikolu 3(4)(e), l-ewwel subparagrafu, il-frażi introduttorja	L-Artikolu 16(7), l-ewwel subparagrafu, frażi introduttorja
L-Artikolu 3(4)(e), l-ewwel subparagrafu, l-ewwel inċiż	L-Artikolu 16(7), l-ewwel subparagrafu, inċiż(a)
L-Artikolu 3(4)(e), l-ewwel subparagrafu, t-tieni inċiż	L-Artikolu 16(7), l-ewwel subparagrafu, inċiż (c)
L-Artikolu 3(4)(e), it-tieni subparagrafu	L-Artikolu 16(7), it-tieni subparagrafu
L-Artikolu 3(5)	L-Artikolu 16(8)
L-Artikolu 4	L-Artikolu 17
L-Artikolu 5(1)	L-Artikolu 18(1)
L-Artikolu 5(2)	L-Artikolu 18(2)
L-Artikolu 5(3)	L-Artikolu 37(1)
L-Artikolu 6	L-Artikolu 19
L-Artikolu 7	L-Artikolu 39(1)
L-Artikolu 8	—
L-Artikolu 9	L-Artikolu 41

5. REGOLAMENT (KE) Nru 103/2006

Regolament (KE) Nru 103/2006	Dan ir-Regolament
L-Artikolu 1	L-Artikolu 3(1)
L-Artikolu 2	—
L-Artikolu 3	L-Artikolu 41
L-Anness I	L-Anness I
L-Annessi II u III	—

6. REGOLAMENT (KE) Nru 908/2006

Regolament (KE) Nru 908/2006	Dan ir-Regolament
L-Artikolu 1	L-Artikolu 25(3), l-ewwel subparagrafu
L-Artikolu 2	—
L-Artikolu 3	L-Artikolu 41
L-Annessi I sa III	—

7. REGOLAMENT (KE) Nru 1128/2006

Regolament (KE) Nru 1128/2006	Dan ir-Regolament
L-Artikolu 1(1)	L-Artikolu 26(1)
L-Artikolu 1(2)	L-Artikolu 26(2)
L-Artikolu 2(1)	L-Artikolu 25(1)
L-Artikolu 2(2)	L-Artikolu 25(2)
L-Artikolu 3	—
L-Artikolu 4	L-Artikolu 41
L-Annessi I u II	—

8. REGOLAMENT (KE) Nru 1319/2006

Regolament (KE) Nru 1319/2006	Dan ir-Regolament
L-Artikolu 1(1)	L-Artikolu 27(1)
L-Artikolu 1(2)	L-Artikolu 27(2)
L-Artikolu 2	—
L-Artikolu 3	L-Artikolu 27(3)
L-Artikoli 4 u 5	—
L-Artikolu 6	L-Artikolu 41
L-Annessi I u II	—

9. REGOLAMENT (KE) Nru 22/2008

Regolament (KE) Nru 22/2008	Dan ir-Regolament
L-Artikolu 1	L-Artikolu 33
L-Artikolu 2	L-Artikolu 34
L-Artikolu 3	L-Artikolu 3(1)
L-Artikolu 4(1)	L-Artikolu 30(2)
L-Artikolu 4(2)	L-Artikolu 30(3)
L-Artikolu 4(3)	L-Artikolu 30(4)
L-Artikolu 5(1)	L-Artikolu 31
L-Artikolu 5(2)	L-Artikolu 32
L-Artikolu 6	L-Artikolu 38(1), il-frażi tal-introduzzjoni u l-inċiż (a) u (b)
L-Artikolu 7	L-Artikolu 38(2), it-tieni u t-tielet subparagrafi
L-Artikolu 8	L-Artikolu 38(2), l-ewwel subparagrafu
L-Artikolu 9(1), l-ewwel subparagrafu	L-Artikolu 38(4), l-ewwel subparagrafu
L-Artikolu 9(1), it-tieni subparagrafu	—
L-Artikolu 9(2)	L-Artikolu 38(4), it-tieni subparagrafu
L-Artikolu 9(3)	L-Artikolu 38(4), it-tielet subparagrafu

Regolament (KE) Nru 22/2008	Dan ir-Regolament
L-Artikolu 9(4)	L-Artikolu 38(4), ir-raba' subparagrafu
L-Artikolu 9(5)	L-Artikolu 38(5), l-ewwel subparagrafu
L-Artikolu 9(6)	L-Artikolu 38(5), it-tieni subparagrafu
L-Artikolu 10	L-Artikolu 38(6)
L-Artikolu 11	—
L-Artikolu 12	L-Artikolu 41
L-Anness I	L-Anness VII
L-Annessi II u III	—

10. REGOLAMENT (KE) Nru 710/2008

Regolament (KE) Nru 710/2008	Dan ir-Regolament
L-Artikolu 1	—
L-Artikolu 2	—
L-Artikolu 3	L-Artikolu 41
L-Anness	—

11. DEĊIŻJONI 83/471/KEE

Deċiżjoni 83/471/KEE	Dan ir-Regolament
L-Artikolu 1	L-Artikolu 38(1)
L-Artikolu 2	L-Artikolu 38(2)
L-Artikolu 3(1)	L-Artikolu 38(3)
L-Artikolu 3(2), l-ewwel subparagrafu	L-Artikolu 38(4), l-ewwel subparagrafu
L-Artikolu 3(2), it-tieni subparagrafu	—
L-Artikolu 3(2), it-tielet subparagrafu	L-Artikolu 38(4), it-tieni subparagrafu
L-Artikolu 3(3)	L-Artikolu 38(4), it-tielet subparagrafu
L-Artikolu 3(4)	L-Artikolu 38(4), ir-raba' subparagrafu
L-Artikolu 4	L-Artikolu 38(5)
L-Artikolu 5	L-Artikolu 38(6)
L-Artikolu 6	—